# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

25 ta' Frar 2021*

"Appell – Netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/21/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE – Konsolidazzjoni tas-suq intern għall-komunikazzjonijiet elettroniċi – Artikolu 7(3) u (7) – Abbozz ta' miżura impoġġi fid-dispożizzjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali – Suq tal-provvista bl-ingrossa ta' aċċess f'pożizzjoni ddeterminata għall-Pajjiżi l-Baxxi – Saħħa konġunta sinjifikattiva fis-suq – Osservazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea kkomunikati lill-awtorità regolatorja nazzjonali – Obbligu għall-awtorità regolatorja nazzjonali li tieħu kont sħiħ tagħhom – Portata – Artikolu 263 TFUE – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Att li jista' jiġi kkontestat – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-689/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fit-18 ta' Settembru 2019,

**VodafoneZiggo Group BV**, stabbilita f'Utrecht (il-Pajjiżi l-Baxxi), irrappreżentata minn W. Knibbeler, A. Pliego Selie u B. Verheijen, advocaten,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn L. Nicolae u G. Braun, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn E. Juhász, li qed jaġixxi bħala President ta' Awla, C. Lycourgos u I. Jarukaitis (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: E. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, VodafoneZiggo Group BV (iktar 'il quddiem "VodafoneZiggo") titlob l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Lulju 2019, VodafoneZiggo Group vs Il-Kummissjoni (T-660/18, iktar 'il quddiem id-"digriet appellat", EU:T:2019:546), li permezz tiegħu hija ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni allegatament inkluża fl-ittra tat-30 ta' Awwissu 2018 tal-Kummissjoni Ewropea, indirizzata lill-Autoriteit Consument en Markt (l-Awtorità tal-Konsumaturi u tas-Swieq, il-Pajjiżi l-Baxxi) (iktar 'il quddiem l-"ACM"), u li tinkludi l-osservazzjonijiet tagħha dwar abbozz ta' żewġ miżuri impoġġi fid-dispożizzjoni tagħha mill-ACM, dwar is-suq tal-provvista bl-ingrossa ta' aċċess f'pożizzjoni ddeterminata għall-Pajjiżi l-Baxxi (kawżi NL/2018/2099 u NL/2018/2100 (C(2018) 5848 final), iktar 'il quddiem l-"att kontenzjuż").

### Il-kuntest ġuridiku

2 Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi [netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi] (Direttiva Kwadru) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349, kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37, u rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8), iktar 'il quddiem id-"Direttiva Qafas"), tistipula, fil-premessa 15 tagħha:

"Huwa iimportanti li l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jikkonsultaw mal-partijiet kollha interessati dwar id-deċiżjonijiet proposti waqt li jingħata kont tal-kummenti tagħhom qabel ma tiġi adottata deċiżjoni finali. Sabiex jiġi żgurat li deċiżjonijiet f'livell nazzjonali ma jkollhomx effetti kuntrarji fuq is-suq wieħed jew miri oħra tat-Trattat [FUE], l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom ukoll jinnotifikaw ċerti abbozzi ta' deċiżjonijiet lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji oħra biex jagħtuhom l-opportunità li jikkummentaw. […] Il-każi fejn il-proċeduri msemmija f'Artikoli 6 u 7 japplikaw huma definiti f'din id-Direttiva […]. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' […] li teħtieġ lill-awtorità nazzjonali regolatorja li tirtira abbozz ta' miżura fejn ikun jikkonċerna definizzjoni tas-swieq relevanti jew in-nomina jew le ta' impriżi b'saħħa sinifikanti fis-suq, u fejn dawk id-deċiżjonijiet joħolqu ostakolu għas-suq wieħed jew ikunu inkompattibbli mal-liġi tal-Komunitaà […]"

3 Il-premessa 19 tad-Direttiva 2009/140, li, b'mod partikolari, emendat l-Artikoli 6 u 7 tal-verżjoni inizjali tad-Direttiva 2002/21, tippreċiża:

"Il-mekkaniżmu Komunitarju li jippermetti lill-Kummissjoni titlob lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li jirtiraw miżuri pjanati rigward id-definizzjoni tas-suq u n-nomina tal-operaturi li jkollhom poter sinifikanti fis-suq ikkontribwixxa b'mod sinifikanti lejn approċċ konsistenti biex jiġu identifikati ċ-ċirkostanzi li fihom tista' tiġi applikata regolamentazzjoni ex ante u dawk li fihom l-operaturi huma suġġetti għal tali regolamentazzjoni. Il-monitoraġġ tas-suq mill-Kummissjoni, u b'mod partikolari, l-esperjenza tal-proċedura skont l-Artikolu 7

tad-Direttiva [2002/21], urew li inkonsistenzi fil-mod kif l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali japplikaw ir-rimedji, anki taħt kundizzjonijiet simili tas-suq, jistgħu jolqtu ħażin lis-suq intern tal-komunikazzjoni elettronika. Għalhekk il-Kummissjoni tista' tipparteċipa fl-iżgurar ta' livell għoli ta' konsistenza fl-applikazzjoni ta' rimedji billi tadotta opinjonijiet dwar abbozz ta' miżuri proposti minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Għalhekk il-Kummissjoni tista' tipparteċipa fl-iżgurar ta' livell għoli ta' konsistenza fl-applikazzjoni ta' rimedji billi tadotta rakkomandazzjonijiet dwar abbozz ta' miżuri proposti minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Sabiex tibbenefika mill-għarfien espert ta' awtoritajiet regolatorji nazzjonali dwar l-analiżi tas-suq, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-[Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC)] qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet u/jew ir-rakkomandazzjonijiet tagħha".

4 L-Artikolu 2(g) ta' din id-Direttiva Qafas jiddefinixxi, għall-finijiet ta' din id-direttiva, l-"awtorità nazzjonali regolatorja" (iktar 'il quddiem l-"ARN") bħala "il-korp jew kopri fdati minn Stat Membru b'xi wieħed mix-xogħlijiet regolatorji assenjati f'din id-Direttiva […]".

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija Direttiva Qafas, intitolat "Dritt ta' appell" jipprevedi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu jeżistu mekkaniżmi effettivi fil-livell nazzjonali li bihom kull utent jew impriża li jipprovdu n-networks u/jew s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika u li jkunu affettwati minn deċiżjoni tal-[ARN] jkollhom id-dritt li jappellaw kontra d-deċiżjoni quddiem entità ta' appell li tkun indipendenti mill-partijiet involuti. Din l-entità, li tista' tkun qorti, għandu jkollha l-kompetenza xierqa biex tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha b'mod effettiv. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-merti tal-każ jitqiesu kif xieraq u li jkun hemm mekkaniżmu ta' appell effettiv.

Sakemm ikun magħruf l-eżitu tal-appell, id-deċiżjoni tal-[ARN] għandha tibqa' tgħodd, sakemm ma jkunux ingħataw miżuri interim skont il-liġi nazzjonali."

2. Fejn il-korp ta' l-appell imsemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx ta, natura ġudizzjarja, raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjonijiet tiegħu għandhom dejjem jingħataw. B'żieda, skond il-każ, id-deċiżjoni għandha tkun suġġetta għar-reviżjoni mill-qorti jew tribunal skond it-tifsira ta' Artikolu [267 TFUE]."

6 L-Artikolu 5 tal-istess Direttiva Qafas jirrigwarda l-provvista ta' informazzjoni. Dan jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"L-Istati membri għandhom jiżguraw li l-[ARN] jipprovdu lill-Kummissjoni, wara talba raġonata, bl-informazzjoni meħtieġa għaliha biex twettaq ix-xogħlijiet tagħha taħt it-Trattat [FUE]. […]

[…] l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-informazzjoni mibgħuta lill-[ARN] tista' tintgħamel disponibbli lill-awtorità oħra bħal dik fl-istess Stat Membru jew ieħor differenti, wara talba sostanzjata, fejn meħtieġ biex ikun permes għall-kull waħda mill-awtoritajiet li twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha taħt il-liġi tal-Komunita."

7 L-Artikolu 6 tad-Direttiva Qafas jirrigwarda l-"Mekkaniżmu għall-konsultazzjoni u għat-trasparenza". Skont l-ewwel u t-tieni paragrafi ta' dan l-artikolu:

"Għajr f'każijiet li jaqgħu taħt l-Artikoli 7(9), […] l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-[ARN] jkollhom l-intenzjoni li jieħdu miżuri skont din id-Direttiva […], jew fejn jkollhom l-intenzjoni

jipprovdu għal restrizzjonijiet […], li għandhom impatt sinifikanti fuq is-suq rilevanti, huma jagħtu lill-partijiet ikkonċernati l-opportunità li jikkummentaw fuq l-abbozz ta' miżura fi żmien raġonevoli".

L-[ARN] għandhom jippubblikaw il-proċeduri ta' konsultazzjoni nazzjonali tagħhom."

8 L-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva Qafas, intitolat "It-tisħiħ tas-suq intern tal-komunikazzjonijiet elettroniċi" huwa fformulat kif ġej:

"1. Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont din id-Direttiva […], l-[ARN] għandhom jieħdu kont sħiħ tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 8, sa fejn dawk jirrelataw mat-tħaddim tas-Suq Intern.

2. L-[ARN] għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-suq intern billi jaħdmu flimkien u mal-Kummissjoni u mal-BEREC b'mod trasparenti sabiex jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti, fl-Istati Membri kollha, tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva […]

3. Għajr fejn jipprovdu mod ieħor fir-rakkomandazzjonijiet u/jew linji gwida adottati skont l-Artikolu 7b, meta titlesta l-konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 6, fejn [ARN] jkollha l-intenzjoni tieħu miżura li:

(a) taqa' fl-ambitu tal-Artikoli 15 jew 16 ta' din id-Direttiva […], u

(b) tkun tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri,

għandha tqiegħed l-abbozz ta' miżura għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, tal-BEREC u tal-[ARN] fl-Istati Membri oħra, fl-istess ħin, flimkien mar-raġunijiet li fuqhom tissejjes il-miżura […] u tinforma lill-Kummissjoni, lill-BEREC u lill-[ARN] b'dan. L-[ARN], il-BEREC u l-Kummissjoni jistgħu jgħaddu l-kummenti tagħhom lill-[ARN] konċernata biss fi żmien xahar. Dan il-perjodu ta' xahar ma jistax jiġi estiż.

4. Fejn miżura maħsuba koperta mill-paragrafu 3 jkollha l-għan li:

(a) tiddefinixxi suq rilevanti li jkun differenti minn dawk definiti fir-Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 15(1); jew

(b) tiddeċiedi jekk impriża tiġix nominata jew le bħala li għandha, jew individwalment jew flimkien ma' oħrajn, saħħa sinifikanti fis-suq, skont l-Artikolu 16(3), (4) jew (5);

u li tkun taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, u li l-Kummissjoni tkun indikat lill-[ARN] li hija tikkunsidra li l-abbozz ta' miżura jkun joħloq barriera għas-suq uniku jew jekk hija jkollha dubji serji dwar il-kompatibilità tiegħu mal-liġi tal-Komunità u b'mod partikolari l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8, allura l-abbozz ta' miżura m'għandux ikun adottat qabel xahrejn oħra. Dan il-perjodu ma jistax jiġi estiż. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-[ARN] oħrajn bir-riżervi tagħha f'tali każ.

5. Fi żmien perijodu ta' xahrejn imsemmi fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni tista':

(a) tista' tiddeċiedi li titlob lill-[ARN] konċernata biex tirtira l-abbozz ta' miżura, u/jew

(b) tieħu deċiżjoni li tirtira r-riżervi tagħha fir-rigward tal-abbozz ta' miżura msemmi fil-paragrafu 4.

Il-Kummissjoni għandha tagħti l-akbar kunsiderazzjoni lill-opinjoni tal-BEREC qabel ma toħroġ id-deċiżjoni. Id-deċiżjoni għandha tkun akkompanjata minn analiżi ddettaljata u oġġettiva dwar x'wassal lill-Kummissjoni biex tikkonsidra li l-abbozz ta' miżura m'għandux ikun adottat flimkien ma' proposti biex ikun emendat l-abbozz ta' miżura.

6. Fejn il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni skont il-paragrafu 5 tirrikjedi lill-[ARN] tirtira l-abbozz ta' miżura, l-[ARN] għandha temenda jew tirtira l-abbozz ta' miżura fi żmien sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Meta l-abbozz ta' miżura jkun emendat, l-[ARN] għandha timpenja ruħha li tagħmel konsultazzjoni pubblika skont il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 6, u għandha tinnotifika mill-ġdid lill-Kummissjoni bl-abbozz ta' miżura emendat skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3.

7. L-[ARN] konċernata għandha tieħu kont sħiħ tal -kummenti ta' [ARN] oħra, tal-BEREC u tal-Kummissjoni u tista', ħlief għall-każijiet koperti mill-paragrafu 4 u 5(a), tadotta l-abbozz ta' miżura li jirriżulta u, meta tagħmel dan, għandha tikkomunikah lill-Kummissjoni.

8. L-[ARN] għandha tikkomunika lill-Kummissjoni u lill-BEREC l-miżuri finali kollha adottati li jaqgħu taħt l-Artikolu 7(3) (a) u (b).

9. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta l-[ARN] tikkunsidra li jkun hemm ħtieġa urġenti biex taġixxi sabiex tipproteġi l-kompetizzjoni u tħares l-interessi tal-utenti, permezz ta' deroga mill-proċedura stabbilita fil-paragrafi 3 u 4, hija tista' tadotta minnufih miżuri proporzjonati u temporanji. Hija għandha, mingħajr dewmien, tikkommunika dawk il-miżuri, flimkien mar-raġunijiet sħaħ, lill-Kummissjoni, lill-[ARN] l-oħra, u lill-BEREC. Deċiżjoni mill-[ARN] biex tirrendi permanenti dawk il-miżuri jew biex testendi ż-żmien li għalih huma applikabbli għandhom ikun suġġetti għad-disposizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4."

9 L-Artikolu 15 tal-imsemmija Direttiva Qafas jistabbilixxi l-proċedura ta' ċensiment u ta' definizzjoni tas-swieq filwaqt li l-Artikolu 16 tagħha jirrigwarda l-proċedura ta' analiżi tas-suq.

10 L-Artikolu 19 tal-istess Direttiva Qafas, intitolat "Proċeduri ta' armonizzazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. […] fejn il-Kummissjoni ssib li d-diverġenzi fl-implimentazzjoni mill-[ARN] tal-kompiti regolatorji speċifikati f'din id-Direttiva […] jistgħu joħolqu barriera għas-suq intern, il-Kummissjoni tista', wara li tieħu kont sħiħ tal-opinjoni tal-BEREC,, toħroġ rakkomandazzjoni jew deċiżjoni dwar l-applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva […]

2. […]

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-[ARN] jieħdu kont sħiħ ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. Meta [ARN] tagħżel li ma ssegwix ir-rakkomandazzjoni, hija għandha tinforma lill-Kummissjoni, waqt li tagħti r-raġunijiet għall-pożizzjoni tagħha."

## Il-fatti li wasslu għall-kawża

11 Il-fatti li wasslu għall-kawża, kif ġew esposti fil-punti 1 u 10 sa 18 tad-digriet appellat, jistgħu jitqassru kif ġej.

12 VodafoneZiggo hija kumpannija rregolata mid-dritt Olandiż attiva fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi fil-Pajjiżi l-Baxxi, li toffri servizzi ta' provvista tal-internet fiss, tat-televiżjoni u tat-telefon permezz ta' netwerk bil-kejbil.

13 Fis-27 ta' Frar 2018, l-ACM, ARN Olandiża fis-sens tal-Artikolu 2(g) tad-Direttiva Qafas, ippubblikat, konformement mal-Artikolu 6 tagħha, abbozz ta' miżuri għall-finijiet ta' konsultazzjoni pubblika. Dan l-abbozz kien jikkonċerna b'mod partikolari l-analiżi tas-suq tal-provvista bl-ingrossa f'pożizzjoni ddeterminata fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fih, l-ACM qieset li ċerti operaturi, fosthom VodafoneZiggo, kellhom, f'dan is-suq, saħħa konġunta sinjifikattiva u pproponiet l-impożizzjoni ta' obbligi regolatorji speċifiċi fuqhom, konformement mal-Artikolu 16 tad-Direttiva Qafas. Il-partijiet interessati kienu mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar dan l-abbozz sal-10 ta' April 2018. VodafoneZiggo ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fit-terminu stabbilit.

14 Fil-31 ta' Lulju 2018, l-ACM qiegħdet l-abbozz ta' miżuri għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, tal-BEREC u tal-ARN tal-Istati Membri l-oħra, konformement mal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas.

15 Fis-6 u fid-9 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni talbet, skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva Qafas, informazzjoni addizzjonali lill-ACM, li kkomunikatha lilha.

16 Fit-8 ta' Awwissu 2018, VodafoneZiggo ppreżentat lill-Kummissjoni osservazzjonijiet dwar l-abbozz ta' miżuri.

17 Fit-30 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas, bagħtet lill-ACM l-att kontenzjuż, li fih l-osservazzjonijiet tagħha dwar dan l-abbozz ta' miżuri.

18 Fis-27 ta' Settembru 2018, l-ACM adottat id-deċiżjoni tagħha, li tidentifika ċerti operaturi, fosthom VodafoneZiggo, bħala li għandhom saħħa konġunta sinjifikattiva fis-suq tal-provvista bl-ingrossa ta' aċċess f'pożizzjoni ddeterminata fil-Pajjiżi l-Baxxi u li timponi fuqhom obbligi regolatorji speċifiċi. Fl-Anness I ta' din id-deċiżjoni, l-ACM tispjega l-mod li bih ħadet inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

**Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat**

19 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Novembru 2018, VodafoneZiggo ppreżentat rikors intiż għall-annullament tal-att kontenzjuż.

20 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni eċċepiet l-inammissibbiltà ta' dan ir-rikors, billi sostniet, fl-ewwel lok, li l-att kontenzjuż ma jikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, peress li dan ma jipproduċix effetti legali vinkolanti u jikkostitwixxi l-iktar l-iktar att preparatorju li ma jistabbilixxix pożizzjoni definittiva ta' din l-istituzzjoni u, fit-tieni lok, li VodafoneZiggo ma għandhiex *locus standi*, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, peress li l-att kontenzjuż ma jikkonċernahiex direttament.

21 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali rispettivament fl-1 u fis-27 ta' Frar 2019, minn naħa, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u, min-naħa l-oħra, T-Mobile Netherlands Holding BV, T-Mobile Netherlands BV, T-Mobile Thuis BV kif ukoll Tele2 Nederland BV talbu sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

22 Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-att kontenzjuż ma jipproduċix effetti legali vinkolanti u huwa ta' natura preparatorja, b'tali mod li ma jistax jiġi kkontestat skont l-Artikolu 263 TFUE.

23 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali eżaminat, qabelxejn, il-kuntest li fih dan l-att kien ġie adottat. Hija kkonstatat, l-ewwel nett, li r-rekwiżit li l-ARN ikkonċernata "tieħu kont sħiħ" tal-osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas ma jimplikax li għandu effetti legali vinkolanti, it-tieni, li l-imsemmi att ma jikkostitwixxix awtorizzazzjoni li kienet tippermetti lill-ACM tadotta l-abbozz ta' miżuri tagħha u għalhekk tipproduċi tali effetti, u, it-tielet, li l-istess att lanqas ma kellu effett fuq id-drittijiet proċedurali ta' VodafoneZiggo. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kontenut tal-att kontenzjuż u kkunsidrat li la l-formulazzjoni tiegħu u lanqas l-għan tal-osservazzjonijiet ifformulati fih ma kienu jippermettu li jitqies li l-Kummissjoni, meta adottatu, kienet fittxet li timponi obbligi legalment vinkolanti. Fl-aħħar nett, hija qieset li dan l-att kien ta' natura preparatorja u li l-argumenti ta' VodafoneZiggo bbażati fuq id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma kinux ta' natura li jwarrbu l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà previsti fl-Artikolu 263 TFUE.

24 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' VodafoneZiggo bħala inammissibbli, filwaqt li qieset li la kien neċessarju li jiġi eżaminat il-*locus standi* ta' VodafoneZiggo u lanqas li tiddeċiedi dwar it-talbiet għal intervent.

**It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

25 Permezz tal-appell tagħha, VodafoneZiggo titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-digriet appellat, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali u tirriżerva l-ispejjeż relatati mal-proċedura tal-appell.

26 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u tikkundanna lil VodafoneZiggo għall-ispejjeż.

**Fuq l-appell**

27 Insostenn tal-appell tagħha, VodafoneZiggo tqajjem tliet aggravji.

***Fuq l-ewwel aggravju***

28 Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, VodafoneZiggo targumenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-att kontenzjuż ma kienx jipproduċi effetti legali vinkolanti. Hija taqsam dan l-aggravju f'ħames partijiet.

*Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju*

*– L-argumenti tal-partijiet*

29 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tagħha, VodafoneZiggo ssostni li n-neċessità, għall-ARN, li "jieħdu kont sħiħ" tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, prevista fl-Artikolu 7(7) tad-Direttiva Qafas, timponi fuqhom obbligu legali vinkolanti, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 54 tad-digriet appellat.

30 L-ewwel nett, fil-punti 41 sa 44 ta' dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali ppreżentat b'mod skorrett il-portata tas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Koninklijke KPN *et* (C-28/15, EU:C:2016:692), li l-punti 37 u 38 tagħha jistabbilixxu, fir-realtà, li l-kliem "tieħu kont sħiħ" jimplika li, bħala prinċipju, l-ARN għandhom isegwu dak li għandhom jieħdu kont sħiħ tiegħu. Barra minn hekk, il-mod kif ARN għandha "tieħu kont sħiħ" tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas huwa ppreżentat b'mod żbaljat, peress li dan l-obbligu jirrigwarda t-termini użati kollha kif ukoll l-att fl-intier tiegħu. F'dan il-każ, billi tat istruzzjonijiet lill-ACM sabiex ittejjeb l-analiżi tagħha sabiex tosserva r-rekwiżit ta' ekwivalenza funzjonali, il-Kummissjoni ordnatha twettaq azzjoni preċiża, u għalhekk fittxet li tirrestrinġi l-għażliet tagħha u, għalhekk, li tagħti effett legali vinkolanti lill-att kontenzjuż.

31 It-tieni, mill-punt 41 tas-sentenza tal-11 ta' Settembru 2003, Altair Chimica (C-207/01, EU:C:2003:451) u mill-punt 59 tas-sentenza tal-20 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (ŻPB Antartiku) (C-626/15 u C-659/16, EU:C:2018:925) jirriżulta li effett ġuridiku jista' wkoll jiġi rrikonoxxut lil miżura anki meta din tal-aħħar ma tkunx intiża li tipproduċi tali effett u meta kull tip ta' effett ġuridiku jkun suffiċjenti sabiex jirrendi rikors ammissibbli. Għaldaqstant, il-punti 45 sa 50 tad-digriet appellat huma legalment żbaljati.

32 Fil-fatt, l-att kontenzjuż jipproduċi effett ġuridiku materjali, li jikkonsisti fil-fatt li l-ARN għandhom "jieħdu kont sħiħ" tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali affermat, fil-punt 47 tad-digriet appellat, li tali effett għandu jiġi distint mill-effetti ġuridiċi vinkolanti, fis-sens tal-ġurisprudenza dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament, sa fejn din il-frażi timponi biss obbligu ta' motivazzjoni u billi kkonstatat, fil-punt 50 ta' dan id-digriet, li tali obbligu ma huwiex ta' natura li jaffettwa l-interessi ta' VodafoneZiggo. Hemm kontradizzjoni, peress li l-obbligu ta' motivazzjoni għandu effett ġuridiku. L-eżistenza ta' effett ġuridiku materjali hija sostnuta wkoll mill-fatt li l-Kummissjoni, konformement mal-Artikolu 19 tad-Direttiva Qafas, adottat rakkomandazzjoni – jiġifieri r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/850/KE tal-15 ta' Ottubru 2008 dwar in-notifiki, l-iskadenzi u l-konsultazzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/21 (ĠU 2008, L 301, p. 23) – li teżiġi li l-ARN jindikaw b'liema mod huma ħadu kont sħiħ tal-osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas.

33 It-tielet, il-Qorti Ġenerali ddikjarat b'mod żbaljat, fil-punt 52 tad-digriet appellat, li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ddetermina b'mod espliċitu l-effetti ġuridiċi li huwa jixtieq jagħti lil osservazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas. Din id-dispożizzjoni ma tinkludi ebda riferiment espliċitu fir-rigward tal-effetti ġuridiċi u, jekk jitqies li l-Qorti Ġenerali xtaqet tirreferi għall-paragrafu 7 ta' dan l-artikolu, ir-raġunament tagħha huwa ċirkolari. Barra minn hekk, is-sentenza tas-16 ta' April 2015, Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej u Telefonia Dialog (C-3/14, EU:C:2015:232) kif ukoll il-premessa 15 tad-Direttiva Qafas

jistabbilixxu li l-ARN ma humiex liberi li jmorru kontra l-osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni, peress li dawn huma intiżi sabiex jissalvagwardjaw l-għanijiet tal-Unjoni. Għaldaqstant, tali osservazzjonijiet jipproduċu effetti ġuridiċi vinkolanti.

34 Ir-raba', kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punt 53 tad-digriet appellat, is-sentenza nazzjonali invokata minn VodafoneZiggo tindika li n-neċessità li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni għandha l-effett li tiddetermina minn qabel il-marġni ta' diskrezzjoni li għandha l-ARN fl-assenza tagħhom. Hija tistabbilixxi għalhekk l-effetti reali ta' att tal-Kummissjoni adottat skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas.

35 Il-Kummissjoni ssostni li din l-ewwel parti hija parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

### – *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

36 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ilment indirizzat kontra l-punti 41 sa 44 tad-digriet appellat, għandu jiġi rrilevat li, fis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Koninklijke KPN *et* (C-28/15, EU:C:2016:692), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet, essenzjalment, mistoqsija dwar il-possibbiltà, għal qorti nazzjonali adita b'tilwima dwar il-legalità ta' obbligu tariffarju impost minn ARN, li titbiegħed minn rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE, li tirrakkomanda l-użu ta' ċertu metodu ta' kalkolu tal-ispejjeż bħala miżura xierqa ta' rregolar tal-prezzijiet fis-suq tat-terminazzjoni ta' telefonati.

37 F'dan il-kuntest, wara li rrilevat, fil-punt 37 ta' din is-sentenza, li l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva Qafas jeżiġi li l-ARN, fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, "għandhom 'jieħdu kont sħiħ'" tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet minn dan, fil-punt 38 tal-imsemmija sentenza, li, "[g]ħalhekk, hija l-ARN, meta timponi obbligi [konformement mal-qafas regolatorju applikabbli] li għandha ssegwi, bħala prinċipju, l-indikazzjonijiet li jinsabu [f'din ir-]Rakkomandazzjoni" u li "[h]uwa biss jekk jidhrilha, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha ta' sitwazzjoni partikolari, li l-mudell [ta' kalkolu tal-ispejjeż] li jingħata preċedenza minn din ir-rakkomandazzjoni ma huwiex adattat għaċ-ċirkustanzi li hija tista' tinjorah filwaqt li tagħti raġunijiet għall-pożizzjoni tagħha". Fil-punt 34 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet, fil-fatt, fakkret li, konformement mal-Artikolu 288 TFUE, rakkommandazzjoni "bħala prinċipju, [...] ma għandhiex natura vinkolanti" u li "[b]arra minn hekk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva Kwadru jawtorizza espliċitament lill-ARN biex jinjoraw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni adottati abbażi tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva Kwadru, bil-kundizzjoni li jinformaw lill-Kummissjoni b'dan u li jikkomunikawlha l-motivazzjoni tal-pożizzjoni tagħhom". Hija kkonkludiet minn dan, fil-punt 35 tal-istess sentenza, li "l-ARN, fl-adozzjoni ta' deċiżjoni li biha din timponi obbligi tariffarji fuq l-operaturi [...] ma hijiex marbuta bir-Rakkomandazzjoni [inkwistjoni]".

38 Issa, l-ewwel nett, bħalma jirriżulta mill-punt preċedenti ta' din is-sentenza, bl-ebda mod ma jirriżulta mis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Koninklijke KPN *et* (C-28/15, EU:C:2016:692) li, kif tallega VodafoneZiggo, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fiha li l-fatt li għandha "tieħu kont sħiħ" ta' att tal-Kummissjoni jimplika għall-ARN obbligu li tikkonforma mal-kontenut ta' dan l-att, peress li l-punt 38 tagħha jistabbilixxi espliċitament il-kuntrarju, u lanqas li minn dan jirriżulta li osservazzjonijiet ikkomunikati mill-Kummissjoni lil ARN skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas għandhom natura vinkolanti għal din tal-aħħar.

39 It-tieni, huma preċiżament dawn l-elementi msemmija fil-punt 37 ta' din is-sentenza li tfakkru mill-Qorti Ġenerali fil-punti kkontestati tad-digriet appellat, u b'mod partikolari fil-punti 41 u 42 tiegħu, li għalhekk jirriflettu ġustament il-portata tas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Koninklijke KPN *et* (C-28/15, EU:C:2016:692).

40 It-tielet, il-Qorti Ġenerali fakkret ukoll, fil-punt 43 tad-digriet appellat, it-tagħlim li jirriżulta mill-punt 26 tas-sentenza tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2018:79), li jipprovdi li, "meta stabbilixxa r-rakkomandazzjonijiet bħala kategorija partikolari ta' atti tal-Unjoni u billi ppreveda espliċitament li dawn 'ma jkunux vinkolanti', l-Artikolu 288 TFUE kellu l-intenzjoni jagħti lill-istituzzjonijiet li huma awtorizzati jadottawhom setgħa ta' inċentiv u ta' persważjoni, li hija distinta mis-setgħa li jadottaw atti li għandhom saħħa vinkolanti" u kkunsidrat ukoll li din il-konstatazzjoni "tgħodd ukoll, b'analoġija, għall-kummenti magħmula mill-Kummissjoni […] skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas, bħal dawk magħmula fl-att ikkontestat [fl-att kontenzjuż]". Madankollu, VodafoneZiggo ma tikkontestax l-applikazzjoni b'analoġija, tal-att kontenzjuż, ta' din il-ġurisprudenza relatata ma' rakkomandazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE.

41 F'dawn il-kundizzjonijiet, l-argumenti bbażati fuq ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-portata tas-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Koninklijke KPN *et* (C-28/15, EU:C:2016:692) ma jistgħux jintlaqgħu.

42 Barra minn hekk, sa fejn, permezz ta' dan l-ewwel ilment, VodafoneZiggo tikkritika l-punti 41 sa 44 tad-digriet appellat minħabba li l-Qorti Ġenerali kellha tikkonstata fih li l-att kontenzjuż jinkludi struzzjonijiet preċiżi lill-ACM, li jistabbilixxu li l-Kummissjoni kienet qiegħda tipprova tagħtih effett ġuridiku vinkolanti, għandu jiġi rrilevat li, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali ma analizzatx il-kontenut ta' dan l-att – peress li din l-analiżi tinsab fil-punti 88 sa 96 tad-digriet appellat –, iżda sempliċement esponiet, f'termini astratti u mingħajr riferiment għall-kontenut tiegħu, kif il-lokuzzjoni "tieħu kont sħiħ" li tinsab fl-Artikolu 7(7) tad-Direttiva Qafas tenfasizza n-natura mhux vinkolanti ta' osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fformulati skont l-Artikolu 7(3) tagħha.

43 Madankollu, VodafoneZiggo ma tinvoka ebda żball ta' liġi li twettaq mill-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward, minbarra dak diġà miċħud fil-punti 36 sa 41 ta' din is-sentenza. Konsegwentement, fi kwalunkwe każ, dan l-argument għandu jiġi miċħud għall-istess motivi bħal dawk esposti f'dawn il-punti, mingħajr ma jkun neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tiegħu, ikkontestata mill-Kummissjoni.

44 L-ewwel ilment ta' din il-parti huwa, konsegwentement, infondat.

45 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-ilment dirett kontra l-punti 45 sa 50 tad-digriet appellat, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 46 tad-digriet appellat, li "għandha ssir distinzjoni bejn l-effetti msemmija [fis-sentenza tal-11 ta' Settembru 2003, Altair Chimica (C-207/01, EU:C:2003:451] u l-effetti legali vinkolanti, allegati [minn VodafoneZiggo], li huma ta' natura li jaffettwaw l-interessi tagħha billi jibdlu b'mod serju s-sitwazzjoni legali tagħha". Hija żiedet, fil-punt 47 ta' dan id-digriet, li "ir-rekwiżit li jittieħed 'kont sħiħ' għandu effett legali distint mill-effetti allegati [minn VodafoneZiggo], sa fejn l-imsemmi rekwiżit jimponi obbligu ta' motivazzjoni" u, fil-punt 50 tiegħu, li "[f]i kwalunkwe każ, obbligu ta' motivazzjoni, li jista' jkollhom l-ARN, ma jkunx ta' natura li jaffettwa l-interessi [ta' VodafoneZiggo] billi jibdel b'mod serju s-sitwazzjoni legali tagħha".

46 Peress li VodafoneZiggo ssostni, essenzjalment, li, meta ddeċidiet hekk, il-Qorti Ġenerali evalwat b'mod żbaljat il-kriterju tal-effett ġuridiku li jippermetti l-ftuħ tar-rimedju ġudizzjarju previst fl-Artikolu 263 TFUE, għandu jitfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita żviluppata fil-kuntest ta' rikors għal annullament ippreżentati minn Stati Membri jew minn istituzzjonijiet li huma kkunsidrati bħala atti li jistgħu jiġu kkontestati, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, tirriżulta kull dispożizzjoni adottata mill-istituzzjonijiet, tkun xi tkun il-forma tagħha, li hija intiża sabiex tipproduċi effetti legali vinkolanti (sentenzi tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata; tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 31, u tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni, C-575/18 P, EU:C:2020:530, punt 46).

47 Dawn l-effetti legali vinkolanti għandhom jiġu evalwati fid-dawl ta' kriterji oġġettivi, bħall-kontenut tal-att inkwistjoni, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-kuntest tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar, kif ukoll is-setgħat tal-istituzzjoni li tkun l-awtriċi tiegħu (sentenzi tat-13 ta' Frar 2014, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni, C-31/13 P, EU:C:2014:70, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata; tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 32; kif ukoll tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni, C-575/18 P, EU:C:2020:530, punt 47).

48 Madankollu, meta r-rikors għal annullament kontra att adottat minn istituzzjoni huwa ppreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika, dan jista' jseħħ biss meta l-effetti legali vinkolanti tal-att ikkontestat huma ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent billi jibdlu, b'mod kunsiderevoli, il-pożizzjoni legali tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, EU:C:1981:264, punt 9, u tat-18 ta' Novembru 2010, NDSHT vs Il-Kummissjoni, C-322/09 P, EU:C:2010:701, punt 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

49 F'dan il-każ, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 120 u 121 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li hija kienet invokat, skont liema l-att kontenzjuż ma jikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat u għandu natura preparatorja, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, peress li ma jipproduċix effetti ġuridiċi vinkolanti.

50 Issa, anki jekk jitqies li, kif tallega VodafoneZiggo, il-Qorti Ġenerali kellha, fil-punti kkontestati tad-digriet appellat, tillimita ruħha sabiex tevalwa jekk l-att kontenzjuż kienx jipproduċi effetti ta' drittijiet vinkolanti, mingħajr ma tagħmel riferiment għall-kwistjoni dwar jekk tali effetti humiex ta' natura li jaffettwaw l-interessi tagħha billi jbiddlu b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tagħha, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, fi kwalunkwe każ, huwa fuq il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 47 ta' din is-sentenza, u barra minn hekk imfakkra fil-punt 29 tad-digriet appellat, li l-Qorti Ġenerali bbażat din il-konklużjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-argument ippreżentat minn VodafoneZiggo ma jippermettix li jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi jew ikkontradixxiet lilha nnifisha meta kkonkludiet, fil-punt 54 tad-digriet appellat, li r-rekwiżit li l-ARN ikkonċernata għandha "tieħu kont sħiħ" tal-osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas ma jimplikax li l-att kontenzjuż għandu effetti ġuridiċi vinkolanti.

51 Ċertament, fil-punt 41 tas-sentenza tal-11 ta' Settembru 2003, Altair Chimica (C-207/01, EU:C:2003:451), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha, li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi (C-322/88, EU:C:1989:646), li tipprovdi li, anki jekk ir-rakkomandazzjonijiet ma humiex intiżi li jipproduċu effetti ġuridiċi vinkolanti u ma humiex f'pożizzjoni li joħolqu drittijiet li l-individwi jistgħu jinvokaw quddiem qorti nazzjonali,

huma madankollu ma humiex nieqsa minn kull effett ġuridiku, peress li l-qrati nazzjonali huma obbligati li jiħduhom inkunsiderazzjoni fid-dawl tat-tilwimiet li huma sottomessi lilhom, b'mod partikolari meta huma jiċċaraw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali meħuda bl-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħhom jew meta jkollhom bħala għan li jikkompletaw dispożizzjonijiet tal-Unjoni li għandhom natura vinkolanti.

52 Barra minn hekk, kif tirrileva wkoll VodafoneZiggo, fil-punt 59 tas-sentenza tal-20 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (ŻPB Antartiku) (C-626/15 u C-659/16, EU:C:2018:925), il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li "jikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, kull deċiżjoni adottata minn istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni, indipendentment min-natura tagħha jew mill-forma tagħha, li hija intiża li tipproduċi effetti legali".

53 Madankollu, minn dawn is-sentenzi ma jistax jiġi dedott li, kif tallega VodafoneZiggo, kull effett ġuridiku prodott minn att tal-Unjoni, anki jekk dan l-att ma għandux l-għan li jipproduċi effett ġuridiku u anki jekk l-effett prodott ma huwiex vinkolanti, huwa biżżejjed sabiex jippermetti li jitqies li dan huwa att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, u li l-Qorti Ġenerali, konsegwentement, wettqet żball ta' liġi meta ma rrikonoxxitux fil-punti kkontestati tad-digriet appellat.

54 Minn naħa, għalkemm il-qrati nazzjonali huma, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 51 ta' din is-sentenza, obbligati li jieħdu inkunsiderazzjoni, fid-dawl tas-soluzzjoni tal-kawżi mressqa quddiemhom, ir-rakkomandazzjonijiet, fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE, minn din il-ġurisprudenza ma jirriżultax li, kif irrilevat essenzjalment il-Qorti Ġenerali fil-punt 46 tad-digriet appellat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali effetti huma dawk li jippermettu li att jiġi kklassifikat bħala "li jista' jiġi kkontestat", fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Għall-kuntrarju, kif diġà ġie enfasizzat fil-punt 37 ta' din is-sentenza, mill-imsemmija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan it-tip ta' att, bħala prinċipju, ma huwiex ta' natura vinkolanti. Għaldaqstant, ebda argument utli insostenn tal-pożizzjoni ta' VodafoneZiggo fir-rigward tal-effetti ġuridiċi allegatament prodotti mill-att kontenzjuż ma jista' jinsilet.

55 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-obbligu, għall-ARN, li jimmotivaw il-pożizzjoni tagħhom fir-rigward tal-osservazzjonijiet li ġew ikkomunikati lilhom mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas, ikkonstatat mill-Qorti Ġenerali b'mod partikolari fil-punt 47 tad-digriet appellat u li ma huwiex ikkontestat minn VodafoneZiggo f'dan l-appell, juri, kuntrarjament għal dak li din issostni, l-assenza ta' effett ġuridiku vinkolanti, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, prodott minn tali osservazzjonijiet.

56 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-sentenza tal-20 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (ŻPB Antartika) (C-626/15 u C-659/16, EU:C:2018:925), ma jistax jitqies li, fil-punt 59 tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu, għal att partikolari, li jipproduċi "effett legali" sabiex ikun jista' jkun is-suġġett ta' rikors skont l-Artikolu 263 TFUE jkopri kull effett ġuridiku, irrispettivament min-natura tiegħu, u għalhekk jikkontradixxi l-ġurisprudenza stabbilita tagħha dwar il-kunċett ta' "att li jista' jiġi kkontestat", fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, imfakkra fil-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza.

57 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fil-punt 63 ta' din is-sentenza, li "d-deċiżjoni tal-2015 [inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza] […] [kienet] ġiet adottata sabiex il-[Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar tal-Antartiku (il-Kummissjoni CAMLR)] tiġi konvinta tistabbilixxi [żoni protetti tal-baħar] fil-Baħar ta' Weddell", fil-punt 64

tagħha, li, "meta ddeċieda li jissottometti [lill-Kummissjoni CAMLR] d-dokument ta' riflessjoni f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, il-[Kumitat ta' Rappreżentanti Permanenti (Coreper)] obbliga lill-Kummissjoni żżomm ma' din il-pożizzjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha ta' rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni" u, fil-punt 65 tal-imsemmija sentenza, li "mill-minuti tal-laqgħa tal-Corepor [...] [kien] jirriżulta li [din] d-deċiżjoni [...] kellha bħala għan li b'mod definittiv tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Kunsill u, sussegwentement, tal-Unjoni, f'dak li jikkonċerna l-issuġġettar tad-dokument ta' riflessjoni [...] f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u mhux unikament f'isem l-Unjoni". Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, fil-punt 66 tal-imsemmija sentenza, li "[l-imsemmija] deċiżjoni [kienet] għalhekk tassew intiża sabiex tipproduċi effetti legali u tikkostitwixxi, għaldaqstant, att li jista' jiġi kkontestat".

58 Issa, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-effetti, li huma marbuta mal-kuntest li fih l-att inkwistjoni fil-Kawża C-626/15 ġie adottat, mal-kontenut tiegħu u mal-intenzjoni tal-awtur tiegħu, kollha jistabbilixxu n-natura obbligatorja, għall-pożizzjoni sostantiva li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni, tal-effetti prodotti mid-deċiżjoni li l-annullament tagħha kien mitlub.

59 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, l-ilment ta' VodafoneZiggo, espost fil-punti 31 u 32 ta' din is-sentenza, għandu jiġi miċħud.

60 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-ilment intiż kontra l-punt 52 tad-digriet appellat, għandu jiġi rrilevat li, kif tindika VodafoneZiggo, il-Qorti Ġenerali affermat, f'dan il-punt, li, "peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddetermina b'mod espliċitu l-effetti legali li xtaq jagħti lil kummenti magħmula skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas, id-dmir ta' kooperazzjoni leali ma jistax ikollu portata usa' billi jagħti effetti legali li ma kinux previsti mil-leġiżlatur". Madankollu, din is-sentenza tibda bil-frażi "barra minn hekk" u, f'dan l-istess punt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, prinċipalment, li d-dmir ta' kooperazzjoni leali ma jistax iwassal sabiex osservazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni taħt l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas ikollhom effetti ġuridiċi vinkolanti, billi tagħmel riferiment f'dan ir-rigward għall-punt 40 tas-sentenza tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-16/16 P, EU:C:2018:79).

61 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja effettivament iddeċidiet, f'dan il-punt 40 tal-imsemmija sentenza, li l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali ma jistax iwassal sabiex jiġu mwarrba l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà espressament previsti fl-Artikolu 263 TFUE. Għandu jiġi kkonstatat li t-tfakkira ta' din il-ġurisprudenza kienet suffiċjenti, bħala tali, sabiex tiġġustifika ċ-ċaħda, mill-Qorti Ġenerali, tal-argument li kien ġie ppreżentat lilha minn VodafoneZiggo u skont liema, essenzjalment, kellha tiġi rrikonoxxuta natura legali obbligatorja lill-att kontenzjuż peress li, skont din il-kumpannija, l-ARN ma jistgħux, fid-dawl tas-sentenza tas-16 ta' April 2015, Prezes Urzędu Komunikacji Elektronicznej u Telefonia Dialog (C-3/14, EU:C:2015:232) u tal-premessa 15 tad-Direttiva Qafas, jinjoraw osservazzjonijiet ifformulati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas mingħajr il-possibbiltà li jiksru l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE.

62 L-ilment ta' VodafoneZiggo espost fil-punt 33 ta' din is-sentenza għandu, konsegwentement, jiġi miċħud, peress li l-ilmenti diretti kontra motivi sussidjarji ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għalhekk huma ineffettivi (sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 148, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2018, L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne, C-138/17 P u C-146/17 P, EU:C:2018:1013, punt 45).

63 Fir-rigward, fir-raba' lok, tal-ilment skont liema l-ġurisprudenza nazzjonali invokata minn VodafoneZiggo quddiem il-Qorti Ġenerali kellha twassal lil din tal-aħħar sabiex tikkonstata li att bħall-att kontenzjuż jipproduċi effetti ġuridiċi vinkolanti, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif il-Qorti Ġenerali rrilevat ġustament fil-punt 53 tad-digriet appellat, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza, jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jinkludu ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġi ddeterminat is-sens u l-portata tagħhom għandu normalment ikollhom, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi, li għandha titfittex billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll il-kuntest li tidħol fih u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni li hija tagħmel parti minnha (sentenzi tat-8 ta' Settembru 2020, Recorded Artists Actors Performers, C-265/19, EU:C:2020:677, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-8 ta' Ottubru 2020, Crown Van Gelder, C-360/19, EU:C:2020:805, punt 21.

64 Madankollu, VodafoneZiggo ma tikkontestax din il-ġurisprudenza, iżda sempliċement tikkritika l-evalwazzjoni magħmula, sussidjarjament, mill-Qorti Ġenerali fil-punt 53 tad-digriet appellat, skont liema "[f]i kwalunkwe każ, is-silta ċċitata [minn VodafoneZiggo] ma tippermettix li jiġi konkluż li l-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali[, il-Ġermanja)] qieset li l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni kellhom effetti ġuridiċi vinkolanti fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE". Konsegwentement, anki jekk jitqies li huwa ammissibbli, dan ir-raba' lment għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi miċħud bħala ineffettiv, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 62 ta' din is-sentenza.

65 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda fit-totalità tagħha.

### *Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju*

#### *– L-argumenti tal-partijiet*

66 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju tagħha, VodafoneZiggo ssostni li l-att kontenzjuż huwa ekwivalenti għal awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni u għalhekk jipproduċi effetti ġuridiċi vinkolanti. Peress li l-atti msemmija rispettivament fil-paragrafu 3 u fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas jeskludu lil xulxin reċiprokament u l-Kummissjoni għalhekk titpoġġa quddiem l-għażla binarja li toħroġ jew, skont dan il-paragrafu 4, deċiżjoni ta' veto jew, skont dan il-paragrafu 3 jew l-imsemmi paragrafu 4, deċiżjoni ta' nuqqas ta' veto għall-abbozz ta' miżura kkomunikata, il-fatt li jsiru osservazzjonijiet konformement ma' dan il-paragrafu 3 huwa ekwivalenti intrinsikament għall-adozzjoni ta' deċiżjoni li ma jsirx veto. Konsegwentement, minħabba din l-għażla binarja, deċiżjoni adottata skont dan il-paragrafu 3, bħall-att kontenzjuż, tista' tiġi interpretata biss bħala li tikkostitwixxi deċiżjoni li tawtorizza l-abbozz ta' miżura. Fil-punti 57, 58 u 63 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali żbaljat f'dan ir-rigward.

67 Fl-ewwel lok, ma huwiex ikkontestat, minn naħa, li ARN ma tistax tadotta miżura fl-assenza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda konformement mal-imsemmi paragrafu 3 jew il-paragrafu 4, li permezz tagħha l-Kummissjoni tagħlaq il-proċedura fil-livell tal-Unjoni mingħajr ma toħroġ veto u, min-naħa l-oħra, li, wara li tkun adottat tali deċiżjoni, il-Kummissjoni ma tistax iktar tibdel il-pożizzjoni tagħha. Konsegwentement, meta tagħmel osservazzjonijiet skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas, il-Kummissjoni tneħħi kull possibbiltà li veto jiġi oppost għall-abbozz ta' miżura kkomunikata mill-ARN, b'tali mod li għalhekk dan ma jkunx għadu suġġett għall-projbizzjoni legali li tiġi adottata l-miżura kkomunikata. Din l-ARN għalhekk tkun

awtorizzata tadotta l-miżura. Anki jekk jeżistu żewġ mumenti, matul il-proċedura mibdija skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas fuq il-livell tal-Unjoni, li fihom il-Kummissjoni tista' tagħżel li teżerċita jew le d-dritt ta' veto tagħha, il-mument meta ssir din l-għażla ftit jimporta għaliex ir-riżultat ikun identiku fiż-żewġ każijiet, jiġifieri li l-Kummissjoni tawtorizza l-miżura kkonċernata. Ebda għażla oħra ma hija identifikata mill-Qorti Ġenerali.

68 VodafoneZiggo żżid, fir-replika tagħha, li l-argument tal-Kummissjoni li hija ma hijiex obbligata taġixxi fir-rigward tal-abbozzi ta' miżuri li huma nnotifikati lilha konformement mal-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas u li hija tipparteċipa volontarjament fil-proċedura ta' konsultazzjoni prevista f'dan l-artikolu huwa żbaljat. Skont il-premessa 15 tad-Direttiva Qafas, l-Artikolu 7 tagħha jagħti lil din l-istituzzjoni responsabbiltà partikolari sabiex tiżgura li d-deċiżjonijiet meħuda fuq il-livell nazzjonali ma jkollhomx effett negattiv fuq is-suq uniku jew għanijiet oħra tat-Trattat FUE, rwol li huwa enfasizzat ukoll mill-premessa 19 tad-Direttiva 2009/140. Dan l-argument huwa għalhekk irrikonċiljabbli mas-sistema prevista mid-Direttiva Qafas u, konsegwentement, mal-obbligu ta' kooperazzjoni leali li għandha l-imsemmija istituzzjoni skont l-Artikolu 4(3) TUE.

69 Fi kwalunkwe każ, kull nuqqas ta' azzjoni ipotetiku tal-Kummissjoni jwassal għal deċiżjoni li ma jiġix eżerċitat id-dritt ta' veto mogħti mid-Direttiva Qafas, li jista' jiġi kkontestat. Barra minn hekk, peress li l-prassi li jitħalla jgħaddi t-terminu ta' xahar previst fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas hija mezz ieħor sabiex jitneħħa l-obbligu ta' standstill li għandhom l-ARN, din il-prattika għandha wkoll in-natura u l-effett ta' approvazzjoni. Barra minn hekk, ikun żbaljat li jiġi affermat li l-ARN għandhom "setgħat sħaħ" sabiex jadottaw l-abbozzi ta' miżuri tagħhom. Huma għandhom tal-inqas jistennew l-iskadenza ta' dan it-terminu. L-eżistenza stess ta' dan l-Artikolu 7 tas-setgħat li huwa jipprovdi għall-Kummissjoni diġà tikkostitwixxi restrizzjoni tas-setgħat tal-ARN.

70 Fit-tieni lok, mill-perspettiva ta' ARN, huwa evidenti li l-Kummissjoni għandha tawtorizza l-miżuri, peress li l-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas jipprevedi li l-ARN ma għandhomx id-dritt li jadottaw il-miżuri tagħhom mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni u li dawn il-miżuri ma jistgħux jiġu adottati sakemm ikunu s-suġġett ta' investigazzjoni min-naħa ta' din l-istituzzjoni. Jeżistu biss żewġ ipoteżijiet li jippermettu lill-ARN tadotta l-miżura nnotifikata u kull waħda minnhom tiddependi totalment mill-fatt li l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tużax id-dritt ta' veto tagħha, li din id-deċiżjoni tiġi adottata skont il-paragrafu 3 jew skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu 7. Il-prassi tikkonferma, barra minn hekk, li d-deċiżjonijiet kollha finalment adottati mill-ARN ġew innotifikati lill-Kummissjoni u ma kinux is-suġġett ta' veto, filwaqt li d-deċiżjonijiet kollha nnotifikati li kienu s-suġġett ta' veto ġew emendati jew imwarrba mill-ARN. Dan jistabbilixxi li, mill-perspettiva ta' ARN, l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni hija neċessarja.

71 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti ma hijiex fondata.

### – *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

72 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ewwel ilment ta' din il-parti, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 57 tad-digriet appellat, li "għalkemm huwa minnu li l-komunikazzjoni ta' kummenti u l-ftuħ tat-tieni fażi tal-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea jikkostitwixxu alternattiva, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni [VodafoneZiggo] ma jistax jingħad li hemm għażla binarja bejn l-assenza ta' veto jew veto tal-abbozz ta' miżuri kkomunikat mill-ARN". Fil-punt 58 tagħha, hija żiedet li "il-fatt li l-Kummissjoni ma teżerċitax id-dritt ta' veto tagħha huwa ekwivalenti għall-assenza ta' adozzjoni ta' deċiżjoni, b'tali mod li din il-pożizzjoni ma għandha

ebda effett legali vinkolanti". Fil-punt 63 ta' dan id-digriet, hija kkonkludiet li "l-att [kontenzjuż] ma huwiex awtorizzazzjoni li ppermettiet lill-ACM tadotta l-abbozz ta' miżuri tagħha u li b'hekk kellha effetti legali vinkolanti".

73 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-Qorti Ġenerali bbażat din il-konklużjoni wkoll fuq il-konstatazzjoni, magħmula fil-punt 59 tad-digriet appellat, li "l-ARN ikkonċernata tislet il-kompetenzi tagħha direttament mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva Qafas" u li "l-eżerċizzju tagħhom ma jeħtieġ ebda awtorizzazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni", kif ukoll fuq dak, imwettaq fil-punt 62 ta' dan id-digriet, skont liema "l-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea tikkostitwixxi stadju obbligatorju fil-proċess ta' adozzjoni ta' miżuri li jaqgħu [b'mod partikolari] taħt l-Artikoli 15 jew 16 tad-Direttiva Qafas [...] u li għandhom impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri", iżda li "din il-konstatazzjoni ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi rrikonoxxut li l-kummenti magħmula taħt l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas għandhom effetti legali vinkolanti[,] [peress li] eventwali nuqqas ta' osservanza ta' dan l-istadju obbligatorju jkollu effetti distinti[, bħal] [...] rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-qorti tal-Unjoni jew [...] rikors kontra l-miżuri adottati mill-ARN quddiem il-qorti nazzjonali".

74 Permezz ta' dan l-ewwel ilment, VodafoneZiggo ssostni, essenzjalment, li, f'dawn il-punti tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma rrikonoxxietx li l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni, lil ARN, ta' osservazzjonijiet skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas hija ekwivalenti għan-nuqqas ta' adozzjoni ta' deċiżjoni ta' veto fl-abbozz ta' miżura nnotifikata kif previst fil-paragrafu 5(a) ta' dan l-artikolu, u, konsegwentement, hija ekwivalenti għal deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-abbozz ta' miżura, li ġġib effetti ġuridiċi vinkolanti, filwaqt li l-Kummissjoni għandha għaldaqstant neċessarjament tadotta att skont il-paragrafu 3 jew il-paragrafu 5(a) tal-imsemmi Artikolu 7, sabiex tagħlaq il-proċedura li tkun pendenti quddiemha u b'dan il-mod tippermetti lill-ARN tadotta l-miżura inkwistjoni.

75 Sabiex tiġi evalwata l-fondatezza ta' dan l-ilment, għandu għalhekk jiġi vverifikat jekk il-premessa li fuqha huwa bbażat, jiġifieri dik skont liema ARN ma tistax tadotta l-abbozz ta' miżura li hija qiegħdet għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, tal-BEREC u tal-ARN tal-Istati Membri l-oħra skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas fl-assenza ta' awtorizzazzjoni f'dan is-sens mill-Kummissjoni, hijiex korretta. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li dan il-qari tad-Direttiva Qafas, difiż minn VodafoneZiggo, jimplika li l-Kummissjoni għandha neċessarjament taġixxi wara notifika mwettqa skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas. Għaldaqstant, għandu jsir riferiment għal dak li jipprevedi dan l-artikolu, li għandu bħala għan il-konsolidazzjoni tas-suq intern tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

76 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas jirriżulta li, minn naħa, il-proċedura stabbilita f' dan l-Artikolu 7 ma tikkonsistix, kif tallega VodafoneZiggo, fil-kombinazzjoni ta' żewġ proċeduri distinti, waħda li tiżvolġi fuq il-livell nazzjonali u l-oħra li tiżvolġi fuq il-livell tal-Unjoni, iżda tikkonsisti fi proċedura waħda u unika ta' konsultazzjoni u ta' kollaborazzjoni, li sseħħ, barra minn hekk, mhux bejn l-ARN waħedha li tkun nnotifikat abbozz ta' miżura u l-Kummissjoni, iżda bejn din l-ARN, il-Kummissjoni kif ukoll l-ARN tal-Istati Membri l-oħrajn u l-BEREC. Barra minn hekk, minn dan jirriżulta li din il-proċedura hija mibdija permezz tat-tqegħid għad-dispożizzjoni, mill-ARN, ta' abbozz ta' miżura li jissodisfa l-kriterji previsti fil-paragrafu 3(a) u (b) ta' dan l-artikolu, u li din tingħalaq jew bl-adozzjoni tal-abbozz ta' miżura kkomunikat inizjalment, jew bl-adozzjoni ta' abbozz ta' miżura emendat — li għalhekk ikun ġie minn qabel issuġġettat mill-ġdid għall-mekkaniżmu nazzjonali ta'

konsultazzjoni u ta' trasparenza previst fl-Artikolu 6 tad-Direttiva Qafas, u sussegwentement għan-notifika prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu 7 – jew billi l-abbozz jiġi rtirat, u kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet tkun taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-ARN ikkonċernata.

77 Minn dan jirriżulta wkoll u fuq kollox li jekk, kif ikkonstatat ġustament il-Qorti Ġenerali fil-punt 62 tad-digriet appellat, ARN għandha, meta jkollha l-intenzjoni tadotta miżura li tissodisfa l-kriterji indikati fl-Artikolu 7(3)(a) u (b) tad-Direttiva Qafas, timplimenta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu 7, qari flimkien ta' dan il-paragrafu 3 u tal-paragrafu 7 tal-imsemmi Artikolu 7 jistabbilixxi b'mod inekwivoku li l-Kummissjoni ma hijiex marbuta f'kull każ b'obbligu li tikkomunika osservazzjonijiet lill-ARN abbażi tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas u li, fl-assenza ta' osservazzjonijiet ikkomunikati mill-Kummissjoni wara t-terminu ta' xahar previst f'dan il-paragrafu 3, l-ARN ikkonċernata hija fondata li tadotta l-abbozz ta' miżura inkwistjoni.

78 Konsegwentement, kuntrarjament għal dak li ssostni VodafoneZiggo, id-Direttiva Qafas ma tistabbilixxix li l-ARN ma humiex awtorizzati jadottaw l-abbozz ta' miżuri nnotifikat sakemm il-Kummissjoni ma tkunx esprimiet ruħha taħt din l-aħħar dispożizzjoni u li, sussegwentement, il-Kummissjoni tkun obbligata taġixxi b'reazzjoni għal notifika mwettqa minn ARN konformement magħha.

79 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li la l-premessa 15 tad-Direttiva Qafas u lanqas il-premessa 19 tad-Direttiva 2009/140 ma jippermettu li jitqies li, minkejja l-assenza ta' dispożizzjoni f'dan is-sens fid-Direttiva Qafas, il-Kummissjoni hija obbligata taġixxi skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas.

80 Minn dan isegwi li ma tista' tiġi kkonstatata ebda kontradizzjoni mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

81 Sussegwentement, fir-rigward tal-allegazzjoni li s-sempliċi fatt, għall-Kummissjoni, li tħalli jiskadi t-terminu previst fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas mingħajr ma tikkomunika osservazzjonijiet huwa diġà ekwivalenti għal awtorizzazzjoni għall-ARN li tadotta l-abbozz ta' miżura inkwistjoni, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din hija wkoll ibbażata fuq il-premessa li awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni hija neċessarja sabiex l-ARN tkun tista' tadotta l-abbozz ta' miżura inkwistjoni, li ma huwiex sostnut fid-Direttiva Qafas.

82 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument li l-eżistenza stess tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas tirrestrinġi s-setgħat tal-ARN, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan ma jistax, fi kwalunkwe każ, jistabbilixxi l-eżistenza ta' żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-evalwazzjoni tagħha tar-rwoli u tal-kompetenzi rispettivi attribwiti minn din id-dispożizzjoni lill-ARN u lill-Kummissjoni u, konsegwentement, fir-rigward tal-konklużjoni tagħha li ittra ta' osservazzjonijiet ikkomunikata mill-Kummissjoni lil ARN skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas ma tikkostitwixxix awtorizzazzjoni tal-abbozz ta' miżura inkwistjoni.

83 Peress li l-ewwel ilment tat-tieni parti tal-ewwel aggravju huwa bbażat għalhekk fuq premessa żbaljata, dan għandu jiġi miċħud bħala infondat.

84 Fit-tieni lok, sa fejn, permezz tal-ilment tagħha espost fil-punt 70 ta' din is-sentenza, VodafoneZiggo ssostni li, fi kwalunkwe każ, mill-perspettiva tal-ARN, huwa evidenti li l-Kummissjoni għandha tawtorizza l-abbozzi ta' miżura, b'tali mod li, fir-realtà, osservazzjonijiet ikkomunikati skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas jipproduċu l-effetti ġuridiċi vinkolanti ta'

deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, għandu jiġi rrilevat li dan l-ilment, bħall-ewwel wieħed, imur kontra n-natura tal-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu 7, li, bħalma jirriżulta mill-analiżi tal-ewwel ilment ta' din il-parti, ma tikkostitwixxix proċedura ta' awtorizzazzjoni.

85 Barra minn hekk, il-prattika invokata minn VodafoneZiggo tikkorrispondi biss għall-applikazzjoni li l-ARN tosserva t-termini u r-regoli previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas u għalhekk ma tistabbilixxi ebda obbligu min-naħa tal-Kummissjoni li taġixxi skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas jew li tawtorizza l-abbozz ta' miżura nnotifikat.

86 Konsegwentement, anki dan it-tieni lment huwa infondat u t-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha, konsegwentement, tiġi miċħuda.

*Fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju*

– *L-argumenti tal-partijiet*

87 Permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju tagħha, VodafoneZiggo tallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kklassifikat l-att kontenzjuż bħala "att preparatorju". Qabelxejn, kuntrarjament għal dak li hija ddeċidiet fil-punti 107 u 108 tad-digriet appellat, jeżistu żewġ proċeduri amministrattivi distinti, jiġifieri waħda fuq il-livell tal-Unjoni, li tibda bin-notifika konformement mal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas u li tispiċċa bl-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni konformement ma' dan il-paragrafu 3 jew mal-paragrafu 4 tal-istess artikolu, u waħda fuq il-livell nazzjonali, irregolata bid-dritt nazzjonali. Għalkemm l-għeluq tal-proċedura amministrattiva fuq il-livell tal-Unjoni huwa, skont VodafoneZiggo, legalment neċessarju għall-finijiet tat-tkomplija tal-proċedura nazzjonali, din il-proċedura fuq il-livell tal-Unjoni tikkostitwixxi proċedura distinta minn dik segwita fuq il-livell nazzjonali. Fil-fatt, dawn iż-żewġ proċeduri huma rregolati minn drittijiet differenti, l-atturi prinċipali huma differenti u l-att li jtemm il-proċedura fil-livell tal-Unjoni jikkostitwixxi pożizzjoni finali tal-Kummissjoni bħala attur prinċipali tal-proċedura fil-livell tal-Unjoni. Konsegwentement, il-kriterju li jirriżulta mis-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni (60/81, EU:C:1981:264) u tat-22 ta' Ġunju 2000, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni (C-147/96, EU:C:2000:335) ikun issodisfatt, peress li, billi tirrifjuta li twettaq investigazzjoni tat-tieni fażi skont dan il-paragrafu 4, il-Kummissjoni tadotta pożizzjoni definittiva li tagħlaq il-proċedura fuq il-livell tal-Unjoni u tawtorizza lill-ACM tkompli l-proċedura ta' adozzjoni tal-miżura.

88 Sussegwentement, il-punti 109 u 111 tad-digriet appellat huma legalment żbaljati sa fejn fihom il-Qorti Ġenerali affermat li l-qafas regolatorju applikabbli ma huwiex intiż sabiex jistabbilixxi qsim ta' żewġ kompetenzi, iżda jistabbilixxi s-setgħa deċiżjonali esklużiva tal-ARN li hija moderata biss mid-dritt ta' veto tal-Kummissjoni. Dan id-dritt ta' veto jiżgura li l-Kummissjoni tista' teżerċita kontroll fuq kull definizzjoni tas-suq u fuq kull proċedura ta' analiżi tas-suq imsemmija fl-Artikoli 15 u 16 tad-Direttiva Qafas. Għaldaqstant, l-ARN għandhom setgħa deċiżjonali limitata, peress li dawn għandhom ifasslu l-miżuri tagħhom b'tali mod li ma jkunux suġġetti għal tali veto. Il-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni għamlitx użu mis-setgħa tagħha ta' veto f'dan il-każ ma hijiex rilevanti, peress li hija l-eżistenza stess ta' din is-setgħa li twassal għal qsim ta' żewġ kompetenzi u għal separazzjoni ta' żewġ proċeduri amministrattivi.

89 Fl-aħħar nett, fil-punt 112 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li l-effettività tal-proċess deċiżjonali previst mid-Direttiva Qafas tippreżumi neċessarjament stħarriġ ġudizzjarju uniku, eżerċitat biss meta jkunu ġew adottati l-miżuri previsti mill-ARN.

Il-konsegwenza tal-inammissibbiltà tar-rikors għal annullament ippreżentat kontra ittra ta' osservazzjonijiet skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas hija li tipprekludi kull stħarriġ ġudizzjarju. Fil-fatt, kif intwera fil-kuntest tat-tielet aggravju, billi twarrbet mill-istħarriġ ġudizzjarju d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma teżerċitax il-veto tagħha, din id-deċiżjoni tista' sempliċement ma tiġix eżaminata, fatt li jippreġudika l-għan imfittex mill-Qorti Ġenerali peress li, għalhekk, il-proċess deċiżjonali jsir inqas effettiv.

90 Il-Kummissjoni targumenta li din il-parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

91 Fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni lment ta' din il-parti, indirizzati kontra l-punti 107 sa 109 u 111 tad-digriet appellat, għandu jiġi kkonstatat li VodafoneZiggo tibbażahom fuq il-premessa li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas hija maqsuma f'żewġ proċeduri amministrattivi distinti, fejn waħda minnhom hija proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-abbozz ta' miżura nnotifikat, li sseħħ fil-livell tal-Unjoni u kkontrollata mill-Kummissjoni.

92 Madankollu, mill-analiżi tat-tieni parti ta' dan l-aggravju jirriżulta li din il-premessa hija żbaljata.

93 Fir-rigward tat-tielet ilment ta' din il-parti, li permezz tiegħu VodafoneZiggo tikkritika l-punt 112 tad-digriet appellat, għandu jiġi kkonstatat li, insostenn tiegħu, VodafoneZiggo tagħmel riferiment għall-argument li hija esponiet fit-tielet aggravju tal-appell tagħha.

94 Fid-dawl ta' dan kollu preċedenti, l-ewwel żewġ ilmenti ta' din il-parti għandhom jiġu miċħuda bħala infondati u, fir-rigward tat-tielet ilment tagħha, għandu jsir riferiment għall-analiżi li tinsab fil-punti 136 sa 154 ta' din is-sentenza.

*Fuq ir-raba' parti tal-ewwel aggravju*

– *L-argumenti tal-partijiet*

95 Permezz tar-raba' parti tal-ewwel aggravju tagħha, VodafoneZiggo ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn, fil-punt 88 tad-digriet appellat, hija tbiegħdet mill-klassifikazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni lill-att kontenzjuż billi rrilevat li l-użu tat-terminu "deċiżjoni" fit-titolu tas-suġġett tal-att kontenzjuż ma huwiex xieraq. Dan l-att huwa intiż, ippreżentat u fformat sabiex jikkostitwixxi deċiżjoni u, għaldaqstant, sabiex jipproduċi effetti ġuridiċi, kif jirriżulta mit-titolu tiegħu u mill-kodiċi tad-dokument "C". Billi mmodifikat il-klassifikazzjoni mogħtija mill-istituzzjoni stess lil pożizzjoni li hija tadotta, il-Qorti Ġenerali marret lil hinn mill-kompetenza tagħha fil-qasam tal-istħarriġ ġudizzjarju. Ir-reġistru pubbliku, miżmum mill-Kummissjoni, tad-dokumenti dwar l-Artikoli 7 u 7a tad-Direttiva Qafas, juri, barra minn hekk, li l-Kummissjoni kklassifikat b'mod kostanti bħala "deċiżjonijiet" l-ittri mibgħuta skont l-Artikolu 7(3) tagħha. Fi kwalunkwe każ, peress li xejn ma jindika li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-użu tat-terminu "deċiżjoni" ma kienx xieraq, dan l-element biss għandu jkun rilevanti sabiex jiġu evalwati l-intenzjonijiet tagħha fir-rigward tal-effetti ġuridiċi tal-att kontenzjuż.

96 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

97 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk att partikolari jikkostitwixxix "att li jista' jiġi kkontestat", fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, għandha tingħata importanza lis-sustanza stess ta' dan l-att, peress li l-forma li fiha jkun ġie adottat, bħala prinċipju, hija irrilevanti f'dan ir-rigward. Bħala prinċipju, huwa għalhekk mingħajr effett fuq il-klassifikazzjoni tal-att ikkonċernat jekk dan jissodisfax jew le ċerti rekwiżiti formali jew jekk ikunx indikat jew le bħala "deċiżjoni" (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni, C-521/06 P, EU:C:2008:422, punti 43 u 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tat-18 ta' Novembru 2010, NDSHT vs Il-Kummissjoni, C-322/09 P, EU:C:2010:701, punt 47).

98 Min-naħa l-oħra, konformement mal-ġurisprudenza diġà msemmija fil-punti 46 u 47 ta' din is-sentenza, huma kkunsidrati bħala atti li jistgħu jiġu kkontestati, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, id-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tkun xi tkun il-forma tagħhom, li huma intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti, liema effetti għandhom jiġu evalwati skont kriterji oġġettivi, bħall-kontenut tal-att ikkonċernat, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-kuntest tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar, kif ukoll is-setgħat tal-istituzzjoni awtriċi.

99 F'dan il-każ, fil-punt 88 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali, kif tindika VodafoneZiggo, effettivament irrilevat li t-terminu "deċiżjoni" kien użat "fit-titolu [tas-]suġġett [tal-att kontenzjuż]", filwaqt li kkunsidrat madankollu li dan kien "użu mhux f'loku tal-kelma". Madankollu, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza jirriżulta li dan it-titolu — li jinsab barra minn hekk, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fl-istess punt, fis-suġġett biss tal-att kontenzjuż, li barra minn hekk kien jippreċiża li dawn kienu "[k]ummenti skont l-Artikolu 7(3) tad-[Direttiva Qafas]" — ma kienx determinanti sabiex jiġi evalwat jekk l-att kontenzjuż setax jiġi kklassifikat bħala "att li jista' jiġi kkontestat", fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta, fl-analiżi tagħha tal-kontenut tal-att kontenzjuż, magħmula fil-punti 86 sa 105 tad-digriet appellat, hija, essenzjalment, warrbet it-terminu użat fit-titolu tas-suġġett ta' dan l-att u tat prijorità lis-sustanza tiegħu sabiex issostni l-konklużjoni tagħha li l-imsemmi att ma kienx jipproduċi effetti ġuridiċi vinkolanti.

100 Din ir-raba' parti tal-ewwel aggravju għandha, konsegwentement, tiġi miċħuda.

*Fuq il-ħames parti tal-ewwel aggravju*

– *L-argumenti tal-partijiet*

101 Permezz tal-ħames parti tal-ewwel aggravju tagħha, VodafoneZiggo ssostni li, fil-punt 104 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ma ġġustifikatx l-affermazzjoni tagħha li s-suġġett tal-att kontenzjuż huwa "irrilevanti fir-rigward tal-effetti legali". Sabiex jiġi ddeterminat jekk att jipproduċix effetti ġuridiċi, għandhom, b'mod partikolari, jiġu eżaminati s-sustanza u l-kontenut tiegħu. Issa, l-awtorizzazzjoni ta' miżura inkontestabbilment kuntrarja għall-kuntest ġuridiku applikabbli, bħal dik prevista mill-ACM f'dan il-każ, ikollha effetti ġuridiċi ċari, iktar milli fil-każ ta' miżura li l-kontenut tagħha huwa inqas essenzjali, bħal dak li kien inkwistjoni fil-kawża li tat lok għad-digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2007, Vodafone España u Vodafone Group vs Il-Kummissjoni (T-109/06, EU:T:2007:384).

102 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti hija infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

103 Fil-punt 104 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali indikat li "[f]it-tielet lok u fi kwalunkwe każ, għandu jiġi nnotat li d-differenzi fis-suġġett tal-kummenti magħmula mill-Kummissjoni u l-eżistenza ta' diverġenzi fil-konfront tad-dokumenti ta' gwida, invokati [minn VodafoneZiggo], huma irrilevanti fir-rigward tal-effetti legali ta' kummenti magħmula lil ARN b'applikazzjoni tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas".

104 Dan il-punt jaqa' fil-parti tad-digriet appellat, żviluppata fil-punti 97 sa 105 tiegħu, li fiha l-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar l-argumenti li kienu tressqu minn VodafoneZiggo sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni, f'dan il-każ, tal-insenjamenti li jirriżultaw mid-digriet tat-12 ta' Diċembru 2007, Vodafone España u Vodafone Group vs Il-Kummissjoni (T-109/06, EU:T:2007:384).

105 Permezz ta' dan id-digriet tal-aħħar, il-Qorti Ġenerali kienet ċaħdet bħala inammissibbli rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni allegatament inkluża f'ittra tal-Kummissjoni indirizzata lil ARN abbażi tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2002/21, dispożizzjoni li ġiet riprodotta, essenzjalment, fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas. Kif jirriżulta mill-punt 98 tad-digriet appellat, VodafoneZiggo kienet, f'dan il-kuntest, b'mod partikolari sostniet li l-osservazzjonijiet inklużi f'din l-ittra, dwar l-analiżi ekonomika tas-saħħa sinjifikattiva fis-suq, kienu jikkostitwixxu riżervi inqas fundamentali fir-rigward tal-abbozz ta' miżura kkomunikat mill-ARN ikkonċernata f'din il-kawża milli l-osservazzjonijiet ikkomunikati f'dan il-każ, dwar id-definizzjoni tas-suq u l-miżuri korrettivi previsti mill-ACM. Skont VodafoneZiggo, dawn id-differenzi fir-rigward tas-suġġett tal-osservazzjonijiet iffurmulati mill-Kummissjoni f'dawn l-atti rispettivi kienu jiġġustifikaw li ssir distinzjoni bejn din il-kawża u dik li wasslet għal dan id-digriet tat-12 ta' Diċembru 2007, Vodafone España u Vodafone Group vs Il-Kummissjoni (T-109/06, EU:T:2007:384).

106 Għalhekk, minn qari tad-digriet appellat kollu jirriżulta li, fil-punt 104 tiegħu, il-Qorti Ġenerali ma affermatx li s-sustanza jew il-kontenut tal-att kontenzjuż jista' jiġi injorat meta jiġu evalwati l-effetti ġuridiċi vinkolanti eventwali tiegħu, iżda sempliċement ikkonstatat li l-fatt li l-osservazzjonijiet magħmula fih jirrigwardaw suġġett differenti minn dak li kienu jirrigwardaw l-osservazzjonijiet li jinsabu fl-ittra inkwistjoni fil-kawża li wasslet għad-digriet tat-12 ta' Diċembru 2007, Vodafone España u Vodafone Group vs Il-Kummissjoni (T-109/06, EU:T:2007:384), ma kienx rilevanti għal dan l-għan, u l-kontenut u s-sustanza tal-att kontenzjuż huma barra minn hekk eżaminati fil-punti 88 sa 105 tad-digriet appellat.

107 Peress li din il-ħames parti hija għalhekk ibbażata fuq qari żbaljat tad-digriet appellat, din għandha tiġi miċħuda bħala infondata. Konsegwentement, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

*Fuq it-tieni aggravju*

*L-argumenti tal-partijiet*

108 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, li hija taqsam f'żewġ partijiet, VodafoneZiggo ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball proċedurali meta naqset milli tirrispondi għal argumenti determinanti għall-eżitu tat-tilwima, peress li dawn jistabbilixxu, fil-fehma tagħha, in-natura kontestabbli, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, tal-att kontenzjuż.

109 Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ma weġbitx għall-argument tagħha li, permezz ta' dan l-att, VodafoneZiggo ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li l-BEREC tifformula osservazzjonijiet matul l-investigazzjoni li taqa' taħt l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva Qafas, li fiha dan il-korp għandu rwol sinjifikattiv, supplimentari u differenti minn dak li huwa għandu fil-kuntest tal-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, li jimplika t-tgawdija ta' drittijiet proċedurali li għandhom jiġu protetti. Fil-punt 75 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali affermat biss li tali investigazzjoni ma hijiex neċessarja sabiex tippermetti lill-BEREC jikkomunika l-pożizzjoni tiegħu. Madankollu, l-argument sostnut quddiemha kien li, anki jekk il-BEREC ma huwiex obbligat jippreżenta osservazzjonijiet skont dan l-Artikolu 7(4), din iċ-ċirkustanza hija irrilevanti, peress li d-dritt proċedurali inkwistjoni jkun diġà affettwat meta l-BEREC huwa mċaħħad *ab initio* minn kull possibbiltà li jippreżenta osservazzjonijiet skont din id-dispożizzjoni, li huwa l-każ meta l-Kummissjoni tadotta att skont il-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu.

110 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali naqset milli tirrispondi għall-argument li l-fatt li nstemgħet fil-livell nazzjonali jew waqt l-ewwel fażi tal-proċedura fil-livell tal-Unjoni ma jistax jirrimedja għall-fatt li l-att kontenzjuż itemm il-possibbiltà ta' smigħ matul investigazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva Qafas. Fil-punt 68 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali rrilevat li seħħet proċedura ta' konsultazzjoni nazzjonali u li dik fil-livell tal-Unjoni tikkonċerna esklużivament ir-relazzjonijiet bejn, minn naħa l-ARN ikkonċernata, u, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni, l-ARN l-oħra u l-BEREC. Madankollu, fil-punt 69 tad-digriet appellat, hija rrikonoxxiet il-prassi kostanti tal-Kummissjoni li tikkonsisti f'li tistieden lill-partijiet interessati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, minkejja li d-Direttiva Qafas ma timponix dan. Barra minn hekk, kull waħda minn dawn il-possibbiltajiet setgħet twassal għal riżultat differenti tal-proċedura ta' konsultazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Id-digriet appellat ma jgħid xejn dwar dan is-suġġett. Il-fatt li wieħed jinstema' fi stadji ulterjuri, bħal fil-kuntest tar-rikors miftuħ fl-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas jew fil-kuntest ta' proċedura ġdida ta' konsultazzjoni, kif tissuġġerixxi l-Qorti Ġenerali fil-punti 70 u 71 tad-digriet appellat, jista' ma jseħħx fi żmien xieraq sabiex jippermetti s-salvagwardja tad-drittijiet tal-partijiet ikkonċernati.

111 Il-Kummissjoni targumenta li dan it-tieni aggravju ma huwiex fondat.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

112 Peress li VodafoneZiggo tikkritika lill-Qorti Ġenerali li naqset milli tirrispondi għal żewġ argumenti li kienu ġew ippreżentati lilha, għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan it-tieni aggravju, VodafoneZiggo tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-obbligu tagħha li timmotiva d-digriet appellat.

113 Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-motivazzjoni ta' sentenza jew ta' digriet għandha tiżvela b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, sabiex il-persuni kkonċernati jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet għad-deċiżjoni meħuda u l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (sentenzi tat-8 ta' Mejju 2013, Eni vs Il-Kummissjoni, C-508/11 P, EU:C:2013:289, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2018, L-Unjoni Ewropea vs Kendrion, C-150/17 P, EU:C:2018:104, punt 80). L-obbligu ta' motivazzjoni impost fuq il-Qorti Ġenerali ma jobbligahiex madankollu tipprovdi osservazzjonijiet li jsegwu, b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed, ir-raġunamenti kollha mogħtija mill-partijiet fil-kawża u din il-motivazzjoni tista' għalhekk tkun impliċita bil-kundizzjoni li tippermetti lill-partijiet interessati li jkunu jafu r-raġunijiet għalfejn il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx l-argumenti tagħhom u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha elementi biżżejjed sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 372, kif ukoll tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 189).

114 F'dan il-każ, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-argument espost fil-punt 109 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 75 tad-digriet appellat, li "[l]-ewwel nett, [...] l-ftuħ tat-tieni fażi tal-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea ma huwiex meħtieġ sabiex il-BEREC ikun jista' jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' miżuri, sa fejn, skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas, dan tal-aħħar jista', sa mill-ewwel fażi, jagħmel kummenti lill-ARN ikkonċernata fl-istess terminu ta' xahar li japplika bl-istess mod għall-ARN u għall-Kummissjoni".

115 Madankollu, dan ma huwiex l-uniku punt tad-digriet appellat dwar l-argument li VodafoneZiggo kienet ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali dwar ir-rilevanza allegata tar-rwol tal-BEREC fil-kuntest tal-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors tagħha, kif jindika l-użu tat-terminu "l-ewwel nett" fil-bidu tiegħu. Fil-fatt, dan l-argument ġie eżaminat mill-Qorti Ġenerali fil-punti 74 sa 79 tad-digriet appellat.

116 Għalhekk, fil-punt 74 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li "huwa minnu li l-BEREC issa jista' jkun involut fit-tieni fażi tal-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea, taħt l-Artikolu 7(5) [...] tad-Direttiva Qafas[; m]adankollu, dan il-fatt ma jimplikax l-eżistenza ta' drittijiet proċedurali [ta' VodafoneZiggo] li għandhom jiġu protetti fil-kuntest ta' rikors taħt l-Artikolu 263 TFUE".

117 Insostenn ta' din il-kunsiderazzjoni, minbarra l-konstatazzjoni magħmula fil-punt 75 ta' dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 76 tiegħu, li "[i]t-tieni nett, id-distinzjoni magħmula [minn VodafoneZiggo] bejn il-kummenti li jista' jagħmel il-BEREC dwar abbozz ta' miżuri, fil-kuntest tal-ewwel fażi tal-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea, u l-opinjoni li dan il-korp jista' jesprimi, fil-kuntest tat-tieni fażi tal-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea, skont l-Artikolu 7(5) tad-Direttiva Qafas, hija ineffettiva".

118 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 77 tal-imsemmi digriet, li "l-opinjoni tal-BEREC fit-tieni fażi tal-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea tikkonċerna l-att tal-Kummissjoni li jiftaħ it-tieni fażi tal-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea u r-riżervi espressi f'dan l-att, iktar milli l-abbozz ta' miżuri waħdu bħalma huwa l-każ fl-ewwel fażi[; m]adankollu, dawn iż-żewġ skambji jikkonċernaw, fl-aħħar mill-aħħar, l-abbozz ta' miżuri mqiegħed għad-dispożizzjoni mill-ARN ikkonċernata".

119 Fil-punt 78 tiegħu, hija żiedet li, "[g]ħall-istess raġuni, ftit huwa importanti li l-Kummissjoni, skont l-Artikolu 7(5) tad-Direttiva Qafas, għandha 'tagħti l-akbar kunsiderazzjoni' lill-opinjoni tal-BEREC" u li, "[b]arra minn hekk, dan ir-rekwiżit ma huwiex rilevanti peress li l-Kummissjoni għandha tieħu wkoll 'kont sħiħ ta' kwalunkwe opinjoni, rakkomandazzjoni, linji gwida, parir jew l-aħjar prattika regolatorja maħruġ jew adottat mill-BEREC', konformement mal-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1211/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju (ĠU 2009, L 337, p. 1)". Minn dan tiddeduċi, f'dan l-istess punt 78, li, "[b]'hekk, sa fejn il-BEREC jagħmel kummenti quddiem il-Kummissjoni fil-kuntest tal-ewwel fażi tal-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea, din tal-aħħar għandha fi kwalunkwe każ tieħu kont sħiħ ta' dawn il-kummenti".

120 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 79 tad-digriet appellat, li "[i]t-tielet nett, il-parteċipazzjoni, fil-kuntest tat-tieni fażi tal-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea, tal-BEREC, korp istituzzjonali distint mill-partijiet interessati, hija irrilevanti fir-rigward tal-protezzjoni ta' allegati drittijiet proċedurali tar-rikorrenti".

121 Issa, b'dan il-mod, u b'mod partikolari mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 76 sa 78 tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali impliċitament, iżda neċessarjament, ċaħdet l-argument ta' VodafoneZiggo li l-fatt li hija tkun imċaħħda mill-possibbiltà li l-BEREC tifformula osservazzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva Qafas kien jippermetti li jiġi kkonstatat ksur tal-eżistenza ta' dritt proċedurali li għandu jiġi ssalvagwardjat mill-qorti tal-Unjoni.

122 Fil-fatt, peress li din il-parteċipazzjoni eventwali tal-BEREC fil-fażi tal-proċedura prevista fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva Qafas ma tippreżentax, skont dawn il-punti tad-digriet appellat, differenza sostanzjali meta mqabbla mal-parteċipazzjoni eventwali ta' dan il-korp li hija prevista fil-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu, minn dan kien jirriżulta neċessarjament li dan l-argument kien miċħud, peress li, skont il-Qorti Ġenerali, ebda "benefiċċju supplimentari" ma seta' jingħata lil parti kkonċernata permezz tal-parteċipazzjoni tal-BEREC f'eventwali tieni fażi, peress li, fi kwalunkwe każ, din il-parteċipazzjoni ma tistax tiġi distinta, fis-sustanza jew fl-effetti tagħha, mill-parteċipazzjoni koperta fl-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas.

123 Konsegwentement, l-allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, espost fil-punt 109 ta' din is-sentenza, ma huwiex stabbilit.

124 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-argument espost fil-punt 110 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 68 tad-digriet appellat, li "l-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea, kif prevista fid-Direttiva Qafas, kemm fir-rigward tal-ewwel u kemm fir-rigward tat-tieni fażi, tikkonċerna esklużivament ir-relazzjonijiet bejn l-ARN ikkonċernata, minn naħa, u l-Kummissjoni, l-ARN l-oħra u l-BEREC, min-naħa l-oħra, sa fejn id-Direttiva Qafas ma tgħid xejn dwar eventwali parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fil-livell tal-Unjoni".

125 Madankollu, fil-punt 69 ta' dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali ma rrikonoxxietx, kif issostni VodafoneZiggo, prassi stabbilita tal-Kummissjoni li tikkonsisti f'li tistieden lill-partijiet ikkonċernati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, iżda indikat li "minkejja li l-Kummissjoni [kellha] l-prassi […] li tistieden lill-partijiet interessati jippreżentaw il-kummenti tagħhom, ebda dispożizzjoni tad-Direttiva Qafas ma tobbligaha torganizza konsultazzjoni tal-partijiet interessati fil-livell tal-Unjoni u [il-Kummissjoni] tista' tieħu konoxxenza tal-kummenti tal-partijiet interessati magħmula fil-livell nazzjonali fil-kuntest tal-konsultazzjoni pubblika mwettqa qabel il-proċedura ta' konsultazzjoni Ewropea."

126 F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat, fil-punt 70 tal-imsemmi digriet, li, "meta d-Direttiva Qafas tipprevedi parteċipazzjoni addizzjonali tal-partijiet interessati, l-Artikolu 7(6) […] tad-Direttiva Qafas jippreved[i] li hija l-ARN ikkonċernata li għandha torganizza, fil-livell nazzjonali, konsultazzjoni pubblika ġdida, u dan konformement mal-Artikolu 6 tad-Direttiva Qafas". Barra minn hekk, fil-punti 71 u 72 tiegħu, hija rrilevat li, "[f]il-qafas legali stabbilit mid-Direttiva Qafas, il-miżuri li jaffettwaw l-interessi tal-impriżi attivi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi għandhom jiġu adottati mill-ARN fil-livell nazzjonali, u mhux mill-Kummissjoni, u […] għandhom ikunu jistgħu jkunu s-suġġett ta' rimedju effettiv fil-livell nazzjonali", peress li d-drittijiet proċedurali tal-partijiet ikkonċernati jistgħu għalhekk jiġu ssalvagwardati quddiem il-qrati nazzjonali.

127 Fid-dawl tal-punti preċedenti, ma jistax jitqies li l-Qorti Ġenerali naqset mill-obbligu tagħha li timmotiva ċ-ċaħda tal-argument imressaq minn VodafoneZiggo, li jgħid li l-fatt li wieħed jinstema' fil-kuntest tal-Artikolu 6, tal-Artikolu 7(3) jew tal-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas ma jistax jirrimedja għan-nuqqas ta' possibbiltà li wieħed jinstema' fil-kuntest tal-Artikolu 7(4) tagħha.

128 Fil-fatt, peress li l-Qorti Ġenerali ma rrikonoxxietx li l-prattika invokata minn VodafoneZiggo kienet stabbilita, peress li din kienet prevista biss b'mod ipotetiku, u peress li, barra minn hekk, ikkonstatat li d-Direttiva Qafas ma tipprevedix il-possibbiltà għall-partijiet ikkonċernati li jinstemgħu fil-kuntest tal-proċedura ta' konsultazzjoni u ta' kollaborazzjoni bejn l-ARN, il-Kummissjoni u l-BEREC prevista fl-Artikolu 7 tagħha, iċ-ċaħda ta' dan l-argument kienet tirriżulta neċessarjament minnu, peress li, fl-assenza ta' kwalunkwe dritt f'dan is-sens previst f'dan l-Artikolu 7, ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' ksur tiegħu bl-adozzjoni tal-att kontenzjuż. Għaldaqstant, ma kienx hemm lok li l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi espressament fuq din tal-aħħar.

129 Peress li l-allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, espost fil-punt 110 ta' din is-sentenza, lanqas ma huwa stabbilit u l-ebda waħda miż-żewġ partijiet ta' dan l-aggravju ma hija fondata, dan tal-aħħar għandu jiġi miċħud.

### *Fuq it-tielet aggravju*

#### *L-argumenti tal-partijiet*

130 Permezz tat-tielet aggravju tagħha, VodafoneZiggo tallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-dritt fundamentali tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma kienx miksur mill-fatt li r-rikors tagħha ġie ddikjarat inammissibbli, minkejja li l-interpretazzjoni tad-Direttiva Qafas magħmula mill-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat toħloq kunflitt bejnha u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

131 L-ewwel nett, il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà previsti mit-Trattat FUE għandhom, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġu interpretati fid-dawl tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Issa, il-Qorti Ġenerali sempliċement affermat, fil-punt 114 tad-digriet appellat, li d-dritt għal rimedju effettiv ma jistax jeskludi l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà previsti fl-Artikolu 263 TFUE, mingħajr ma spjegat kif hija tirrikonċilja l-konstatazzjoni ta' inammissibbiltà tagħha ma' din il-ġurisprudenza.

132 It-tieni, kuntrarjament għal dak li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-punti 115 u 116 tad-digriet appellat, il-possibbiltà għal VodafoneZiggo li tadixxi qorti nazzjonali li tista' hija stess tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax, f'dan il-każ, tirrimedja l-assenza ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-livell tal-Unjoni. Tali qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-att kontenzjuż u lanqas ma huwa evidenti li hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità ta' tali att jew li tali kwistjoni hija ammissibbli.

133 It-tielet, il-possibbiltà, irrilevata mill-Qorti Ġenerali fil-punt 117 tad-digriet appellat, li jiġi ppreżentat rikors kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprekludi veto kontra miżura nazzjonali ma tissodisfax il-kwistjoni dwar jekk id-drittijiet fundamentali ta' VodafoneZiggo jinkisrux meta att tal-Kummissjoni adottat skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas ma jistax jiġi kkontestat skont l-Artikolu 263 TFUE.

134 Ir-raba', il-preżentata ta' rikors quddiem qorti nazzjonali kontra d-deċiżjoni tal-ACM ma tippermettix li tiġi rrimedjata l-illegalità tal-att kontenzjuż. Min-naħa l-oħra, jekk dawn il-kawżi jiġu abbandunati lill-qrati nazzjonali biss jaggrava l-ksur tad-dritt ta' VodafoneZiggo għal rimedju effettiv. Billi affermat, fil-punti 118 u 119 tad-digriet appellat, li tali qorti tista' tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-argument ta' VodafoneZiggo li l-piż kbir mogħti lil att tal-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċeduri nazzjonali jista' jkollu l-effett li jinfluwenza s-soluzzjoni tat-tilwima nazzjonali kif ukoll id-deċiżjoni ta' din il-qorti li tressaq rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew le. Barra minn hekk, billi affermat, f'dan l-istess punt 118, li l-evalwazzjoni tal-qrati nazzjonali ma tistax twassal sabiex att meħud minn istituzzjoni tal-Unjoni jingħata effetti ġuridiċi vinkolanti li d-dritt tal-Unjoni ma jirrikonoxxilux, il-Qorti Ġenerali mill-ġdid injorat li l-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' effetti ġuridiċi vinkolanti għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ta' VodafoneZiggo.

135 Il-Kummissjoni ssostni li dan l-aggravju ma huwiex fondat.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

136 Sa fejn, permezz ta' dan it-tielet aggravju kif ukoll, essenzjalment, permezz tat-tielet ilment tat-tielet parti tal-ewwel aggravju tagħha, VodafoneZiggo tallega, fl-ewwel lok, li l-Qorti Ġenerali naqset milli tinterpreta d-Direttiva Qafas u, sussegwentement, milli tevalwa l-ammissibbiltà tar-rikors tagħha fid-dawl tad-dritt fundamentali tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva żgurat mill-Artikolu 47 tal-Karta, u għalhekk kisret dan l-artikolu, għandu jitfakkar li l-imsemmi Artikolu 47 ma għandux l-għan li jbiddel is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju prevista mit-trattati, u b'mod partikolari r-regoli dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati direttament quddiem il-qorti tal-Unjoni, kif jirriżulta wkoll mill-ispjegazzjonijiet relatati mal-istess Artikolu 47 li, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 52(7) tal-Karta, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni tagħha (sentenzi tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni, C-456/13 P, EU:C:2015:284, punt 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-25 ta' Ottubru 2017, Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni, C-599/15 P, EU:C:2017:801, punt 68 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

137 Għalhekk, bħalma l-Qorti Ġenerali fakkret ġustament fil-punt 114 tad-digriet appellat, minkejja li l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà previsti fl-Artikolu 263 TFUE għandhom jiġu interpretati fid-dawl tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, madankollu dan ma jistax iwassal sabiex jiġu injorati dawn il-kundizzjonijiet, li huma previsti espressament mit-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul

Açúcares vs Il-Kummissjoni, C-456/13 P, EU:C:2015:284, punt 44 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tat-13 ta' Marzu 2018, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni, C-244/16 P, EU:C:2018:177, punt 101).

138 Għaldaqstant, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "att li jista' jiġi kkontestat", fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, fid-dawl Artikolu 47 tal-Karta ma tistax twassal biex titwarrab din il-kundizzjoni mingħajr ma wieħed jeċċedi l-kompetenzi attribwiti mit-Trattat FUE lill-qrati tal-Unjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2017, Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni, C-599/15 P, EU:C:2017:801, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tad-9 ta' Lulju 2020, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni, C-575/18 P, EU:C:2020:530, punt 52).

139 Issa, dan ikun preċiżament il-każ jekk appellant bħal VodafoneZiggo jkun jista' jippreżenta rikors għal annullament kontra att li ma jikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, sa fejn, fid-dawl tal-kuntest li fih huwa ġie adottat, tal-kontenut tiegħu u tan-natura preparatorja tiegħu, dan ma jproduċiex effetti ġuridiċi vinkolanti, bħalma l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, fil-punti 28 sa 112 tad-digriet appellat, li VodafoneZiggo, fil-kuntest ta' dan l-appell, jew ma kkontestatx in-natura fondata fid-dritt tiegħu jew ma rnexxilhiex tistabbilixxi n-natura żbaljata fid-dritt tiegħu.

140 Barra minn hekk, mid-digriet appellat jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li tallega VodafoneZiggo, il-Qorti Ġenerali spjegat sew kif il-konstatazzjoni tagħha li r-rikors ta' din il-kumpannija kellu jiġi miċħud bħala inammissibbli kienet konċiljabbli mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva żgurat mill-Artikolu 47 tal-Karta.

141 Fil-fatt, fil-punt 115 ta' dan id-digriet, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas jobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmu ta' appell mid-deċiżjonijiet tal-ARN, li b'dan il-mod jorganizza sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja kompleta, kwistjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn hekk, diġà kkonstatat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Jannar 2015, T-Mobile Austria, C-282/13, EU:C:2015:24, punti 33 u 34 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat, minn naħa, fil-punt 116 tal-imsemmi digriet, li meta r-rwol tal-Kummissjoni jkun limitat, bħal f'dan il-każ, għat-trażmissjoni ta' osservazzjonijiet skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas, li jwassal, bħala prinċipju, għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-ARN ikkonċernata, dritt għal rimedju ġudizzjarju jkun disponibbli kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qorti nazzjonali kkonċernata, li tista' għalhekk, konformement mal-Artikolu 267 TFUE, tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar kwistjonijiet relatati mal-qafas regolatorju tal-Unjoni applikabbli għal sitwazzjoni partikolari u, min-naħa l-oħra, fil-punt 117 tal-istess digriet, li jekk il-Kummissjoni teżerċita d-dritt għal veto tagħha skont l-Artikolu 7(5)(a) tad-Direttiva Qafas, il-proċedura twassal għalhekk, skont hi, għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni li għandu effetti ġuridiċi vinkolanti, u rimedju ġudizzjarju jkun għalhekk miftuħ quddiem il-qorti tal-Unjoni skont l-Artikolu 263 TFUE.

142 L-ewwel ilment ta' dan l-aggravju għandu, konsegwentement, jiġi miċħud.

143 Peress li VodafoneZiggo tallega, fit-tieni lok, li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 115 u 116 tad-digriet appellat, il-possibbiltà għal qorti nazzjonali li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma tippermettix li tiġi żgurata lilha protezzjoni ġudizzjarja effettiva fil-livell tal-Unjoni, għandu jitfakkar li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni huwa żgurat, kif jirriżulta mill-Artikolu 19(1) TUE, mhux biss mill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda wkoll mill-qrati tal-Istati Membri. Fil-fatt, it-Trattat FUE stabbilixxa, permezz tal-Artikoli 263 u 277 TFUE tiegħu, minn

naħa, u permezz tal-Artikolu 267 TFUE tiegħu, min-naħa l-oħra, sistema sħiħa ta' rimedji u ta' proċeduri maħsuba sabiex jiġi żgurat l-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-Unjoni, billi ħallih fir-responsabbiltà tal-qorti tal-Unjoni (sentenzi tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni, C-456/13 P, EU:C:2015:284, punt 45 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tat-13 ta' Marzu 2018, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni, C-244/16 P, EU:C:2018:177, punt 102). Barra minn hekk, ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għal evalwazzjoni tal-validità jikkostitwixxi, l-istess bħar-rikors għal annullament, modalità tal-istħarriġ tal-legalità tal-atti tal-Unjoni (sentenzi tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni, C-456/13 P, EU:C:2015:284, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tat-13 ta' Marzu 2018, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni, C-244/16 P, EU:C:2018:177, punt 104).

144 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, meta qorti nazzjonali tqis li motiv wieħed jew iktar ta' invalidità ta' att tal-Unjoni mressqa mill-partijiet jew, skont il-każ, imqajma *ex officio*, huma fondati, hija għandha tissospendi l-proċeduri quddiemha u tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja rinviju għal deċiżjoni preliminari għal evalwazzjoni tal-validità, peress li din tal-aħħar hija l-unika waħda li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata l-invalidità ta' att tal-Unjoni (sentenzi tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni, C-456/13 P, EU:C:2015:284, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-13 ta' Marzu 2018, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni, C-244/16 P, EU:C:2018:177, punt 105), u li l-Artikolu 267 TFUE jattribwixxi ġurisdizzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi, f'rinviju għal deċiżjoni preliminari, fuq il-validità u l-interpretazzjoni tal-atti meħuda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mingħajr ebda eċċezzjoni (sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi, C-322/88, EU:C:1989:646, punt 8, u tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 44) u din il-ġurisprudenza tal-aħħar barra minn hekk tfakkret mill-Qorti Ġenerali fil-punt 116 tad-digriet appellat.

145 Iċ-ċirkustanza, imressqa minn VodafoneZiggo, li ma huwiex ċert li l-qorti nazzjonali adita b'rikors kontra deċiżjoni tal-ARN adottata fi tmiem il-proċedura prevista fl-Artikolu 7 tad-Direttiva Qafas tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari ma tistax tifforma l-bażi tal-pożizzjoni tagħha b'mod utli.

146 Huwa minnu li ma huwiex biżżejjed li parti ssostni li l-kawża tqajjem kwistjoni ta' validità tad-dritt tal-Unjoni sabiex il-qorti kkonċernata jkollha tikkunsidra li tkun tqajmet tali kwistjoni fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. B'mod partikolari, fir-rigward tal-qrati li kontra d-deċiżjonijiet tagħhom hemm rimedju ġudizzjarju ta' dritt intern, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn jistgħu jeżaminaw il-validità tal-att tal-Unjoni kkontestat u, jekk dawn ma jqisux fondati l-motivi ta' invalidità li l-partijiet jinvokaw quddiemhom, jiċħdu dawn il-motivi billi jikkonkludu li l-att huwa totalment validu. Fil-fatt, meta jagħmlu hekk, huma ma jikkontestawx l-eżistenza tal-att tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C-344/04, EU:C:2006:10, punti 28 u 29 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

147 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 144 ta' din is-sentenza, kull parti għandha d-dritt, fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali, li tinvoka, quddiem il-qorti adita, l-invalidità ta' att tal-Unjoni u li twassal lil din il-qorti, li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata hija stess tali invalidità, li tistaqsi f'dan ir-rigward lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' domanda preliminari (sentenza tas-27 ta' Novembru 2012, Pringle, C-370/12, EU:C:2012:756, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

148 Barra minn hekk, iċ-ċirkustanza li l-qorti nazzjonali għandha s-setgħa li tiddetermina d-domandi li hija ser tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja hija inerenti għas-sistema tar-rimedji mitluba mit-Trattat FUE u ma tikkostitwixxix argument ta' natura li jiġġustifika interpretazzjoni estensiva tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà previsti fl-Artikolu 263 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 1987, Union Deutsche Levensmittelwerke *et* vs Il-Kummissjoni, 97/85, EU:C:1987:243, punt 12).

149 Għandu jiġi rrilevat ukoll li l-argumenti mqajma minn VodafoneZiggo jwasslu li jiċħdu l-kapaċità tal-qrati nazzjonali li jikkontribwixxu għall-osservanza tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, minkejja li ma huwiex ikkontestat li l-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza ta' dan l-ordinament ġuridiku huwa żgurat, bħalma jsegwi mill-Artikolu 19(1) TUE u bħalma diġà tfakkar fil-punt 143 ta' din is-sentenza, mhux biss mill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda wkoll mill-qrati tal-Istati Membri, u li dawn tal-aħħar jissodisfaw, b'kollaborazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja, funzjoni li tingħata lilhom b'mod komuni, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tad-dritt fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattati (ara, f'dan is-sens, Opinjoni 1/09 (Ftehim dwar il-ħolqien ta' sistema unifikata ta' riżoluzzjoni ta' tilwim fil-qasam tal-privattivi), tat-8 ta' Marzu 2011, EU:C:2011:123, punti 66 u 69, kif ukoll is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 90 u 99). Dawn l-argumenti għalhekk ma jistgħux jiġu aċċettati.

150 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta, essenzjalment, ikkonstatat, fl-imsemmija punti 115 u 116, li l-possibbiltà għal VodafoneZiggo li tippreżenta rikors quddiem qorti nazzjonali kontra d-deċiżjoni tal-ARN adottata wara l-komunikazzjoni, mill-Kummissjoni, ta' osservazzjonijiet skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva Qafas, kienet tiżgura li d-dritt tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta, kien irrispettat, anki jekk ir-rikors tagħha miġjub quddiem il-Qorti Ġenerali, intiż għall-annullament tal-att kontenzjuż, kien inammissibbli.

151 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-ilment espost fil-punt 133 ta' din is-sentenza, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li ssostni VodafoneZiggo, il-Qorti Ġenerali fil-fatt iddeċidiet fuq il-punt dwar jekk id-dritt ta' din tal-aħħar għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jinkisirx minħabba l-inammissibbiltà tar-rikors tagħha ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali u li, kif jirriżulta mill-punti 136 sa 150 ta' din is-sentenza, hija kienet korretta meta ddeċidiet li dan ma huwiex il-każ, u l-punt 117 tad-digriet appellat, ikkontestat b'dan it-tielet ilment, jidħol preċiżament f'din id-dimostrazzjoni, peress li dan il-punt, li l-kontenut tiegħu ġie espost fil-punt 141 ta' din is-sentenza, jikkompleta l-preżentazzjoni tas-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja kompleta organizzata bid-Direttiva Qafas. Għaldaqstant dan l-ilment ma huwiex fondat.

152 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-ilment espost fil-punt 134 ta' din is-sentenza, għandu jiġi rrilevat li, sa fejn VodafoneZiggo tikkritika l-punt 118 tad-digriet appellat, hija ssostni mill-ġdid, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE jikkontribwixxi sabiex jiżgura d-dritt tagħha għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, minkejja li l-attivazzjoni ta' tali rinviju ma hijiex żgurata. Issa, kif jirriżulta wkoll mill-punti 136 sa 150 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi f'dan ir-rigward.

153 Barra minn hekk, sa fejn, permezz ta' dan l-ilment, VodafoneZiggo ssemmi l-punt 119 tad-digriet appellat, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan huwa superfluwu u li, sussegwentement, dan l-ilment huwa, f'dan ir-rigward, fi kwalunkwe każ ineffettiv, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 62 ta' din is-sentenza.

154 Konsegwentement, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud kollu kemm hu, bl-istess mod bħat-tielet ilment tat-tielet parti tal-ewwel aggravju.

155 Peress li ma ntlaqa' l-ebda wieħed mill-aggravji invokati minn VodafoneZiggo insostenn tal-appell tagħha, hemm lok li dan l-appell jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

156 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

157 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn l-istess regoli, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

158 Peress li VodafoneZiggo tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-appell huwa miċħud.**

**2) VodafoneZiggo Group BV hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem